IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT 2018

# Simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020

## Dokument Informattiv u Analitiku

Mejju 2018



WERREJ

Paragrafu

Prinċipji gwida u oqsma ewlenin għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020: sommarju I - IV

Introduzzjoni 1 - 13

Politika ta' Koeżjoni tal-UE 1

Miżuri tal-UE biex jissimplifikaw it-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 2 - 3

Miżuri ta' simplifikazzjoni addizzjonali li ġew proposti fl-2016 4 - 5

Appelli biex jiġi ssimplifikat aktar it-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' wara l-2020 6 - 9

Id-Dokument Informattiv u Analitiku 10 - 13

Prinċipji gwida għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni 14 - 42

Tinħtieġ strateġija ddefinita sew għas-simplifikazzjoni amministrattiva 15 - 18

Approċċ strutturat u bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-fehim tal-kumplessità tas-sistema u biex tiġi proposta simplifikazzjoni 19 - 29

L-iżgurar ta’ simplifikazzjoni effettiva jirrikjedi impenn sod mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri 30 - 34

Obbligu ta’ rendikont u prestazzjoni: is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha u ma għandhiex tipperikola l-kisbiet li saru fil-kontroll intern imsaħħaħ 35 - 42

Oqsma magħżula għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni 43 - 93

Leġiżlazzjoni u gwida tal-UE 44 - 52

Ċarezza tal-leġiżlazzjoni u l-gwida tal-UE 44 - 47

Disponibbiltà f'waqtha u stabbiltà tar-regoli matul u bejn il-perjodi ta' programmazzjoni 48 - 50

L-armonizzazzjoni tar-regoli tagħmel is-sistema inqas kumplessa u tgħin lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-benefiċjarji 51 - 52

Struttura ta' ġestjoni tal-Programmi Operazzjonali (PO) 53 - 59

L-għadd ta’ programmi operazzjonali u l-awtoritajiet involuti 53 - 57

Simplifikazzjoni ta' elementi oħra tal-programmi operazzjonali, bħal kundizzjonalitajiet *ex ante* u indikaturi tal-prestazzjoni 58 - 59

Ineffiċjenzi amministrattivi fl-għażla u fl-implimentazzjoni tal-proġetti fil-qasam tal-Koeżjoni (inkluża r-regolamentazzjoni żejda) 60 - 72

Regolamentazzjoni żejda 60 - 62

Razzjonalizzazzjoni tal-proċess tal-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti 63 - 72

Użu ta' Opzjonijiet ta' Spejjeż Simplifikati (SCOs) u tipi oħra ta' miżuri bbażati fuq kundizzjonijiet 73 - 79

Użu ta' Opzjonijiet ta' Spejjeż Simplifikati 73 - 75

Ir-Regolament Omnibus iwessa' l-ambitu u l-applikabbiltà tal-SCOs u jintroduċi tipi ġodda ta' appoġġ ibbażat fuq kundizzjonijiet 76 - 79

Kontrolli aktar effiċjenti u effettivi 80 - 93

Il-verifikazzjoni tal-ġestjoni tirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-attivitajiet kollha ta' kontroll u tal-awditjar 80 - 85

Titjib fl-effiċjenza tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Istati Membri u tal-kontrolli tal-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni 86 - 89

Armonizzazzjoni tal-interpretazzjoni tar-regoli bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri 90 - 93

Anness I - Sommarju tal-proposti prinċipali ta' simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020

Anness II - Stampa ġenerali tar-rapporti, l-opinjonijiet u d-dokumenti informattivi u analitiċi tal-QEA li huma rilevanti għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni

Anness III - Eżaminar tal-proċeduri u tar-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' 12-il skema ta' finanzjament fil-programmi operazzjonali minn 12-il Stat Membru

Anness IV - Impatt stmat tal-miżuri ta' simplifikazzjoni identifikati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 dwar l-ispejjeż amministrattivi għall-amministrazzjonijiet u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji

Anness V - Evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni u tan-noti ta' gwida

Anness VI - Il-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK, FSE inkl. il-YEI) fil-perjodu 2014-2020, allokazzjoni finanzjarja, għadd ta' programmi operazzjonali, indikaturi użati u awtoritajiet involuti fil-ġestjoni, skont l-Istat Membru

Anness VII - Abbrevjazzjonijiet

Anness VIII - Glossarju

## PRINĊIPJI GWIDA U OQSMA EWLENIN GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI FIT-TWETTIQ TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI WARA L-2020: SOMMARJU

I. Il-politika ta' koeżjoni hija l-għodda prinċipali ta' investiment tal-UE li ġiet implimentata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Matul is-snin, it-twettiq tal-politika sar kumpless ħafna. B'rispons għal dan, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni għall-perjodu 2014-2020. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kellha riżultati mħallta. Hemm kunsens fost il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li t-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni jeħtieġ aktar simplifikazzjoni fil-perjodu ta' wara l-2020.

II. Dan id-Dokument Informattiv u Analitiku jikkontribwixxi għad-dibattitu dwar is-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020. Mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda analiżi bbażata fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u fuq ix-xogħol tal-awditjar preċedenti li wettaqna f'dan il-qasam.

III. Aħna sibna li ma kien hemm l-ebda kunsens rigward l-objettivi tas-simplifikazzjoni, jiġifieri dwar għalfejn, lil min u kif issir is-simplifikazzjoni. Abbażi tal-esperjenza internazzjonali, bħal dik tal-Kummissjoni, tal-OECD u tar-RegWatchEurope, aħna identifikajna erba' prinċipji gwida għal simplifikazzjoni effettiva li aħna nqisu li huma neċessarji biex imexxu l-proċess ta’ simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020:

- Tinħtieġ strateġija ddefinita sew għas-simplifikazzjoni amministrattiva;
- Approċċ strutturat u bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-fehim tal-kumplessità tas-sistema u biex tiġi proposta simplifikazzjoni;
- L-iżgurar ta’ simplifikazzjoni effettiva jirrikjedi impenn sod mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri;
- Obbligu ta’ rendikont u prestazzjoni: is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha u ma għandhiex tipperikola l-kisbiet li saru fil-kontroll intern imsaħħaħ.

IV. Ix-xogħol tagħna wassalna wkoll biex nidentifikaw ħames oqsma ewlenin għas-simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni. Jenħtieġ li dawn jingħataw attenzjoni partikolari mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri.

- **Leġiżlazzjoni u gwida tal-UE.** Is-simplifikazzjoni tibda b'regoli sempliċi, ċari u stabbli kif ukoll b’armonizzazzjoni aħjar tar-regoli relatati ma' Fondi u programmi differenti.
- **Struttura ta' ġestjoni tal-Programmi Operazzjonali (PO).** Hemm madwar 1 400 awtorità li huma inkarigati mill-ġestjoni u mill-awditjar ta' aktar minn 390 programm operazzjonali fl-Istati Membri. Dan jippreżenta sfida għat-twettiq effiċjenti tal-Politika ta' Koeżjoni. Is-simplifikazzjoni tal-programmi operazzjonali u l-awtoritajiet responsabbli toffri ekonomiji ta' skala u possibbiltajiet għat-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi u tal-piż fuq il-benefiċjarji.
- **Ineffiċjenzi amministrattivi fl-għażla u fl-implimentazzjoni tal-proġetti fil-qasam tal-Koeżjoni (inkluża r-regolamentazzjoni żejda).** Fl-Istati Membri, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tindirizza wkoll ir-regolamentazzjoni żejda kif ukoll rekwiżiti amministrattivi mhux neċessarji għall-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti. Hemm potenzjal sinifikanti ta’ ffrankar permezz ta' użu aħjar ta' teknoloġiji moderni.
- **Użu ta' Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs) u tipi oħra ta' miżuri bbażati fuq kundizzjonijiet**. L-SCOs jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni. Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-opportunità għas-simplifikazzjoni li tiġi offruta permezz ta' ħlas għall-kundizzjonijiet issodisfati tkun akkompanjata minn fokus akbar fuq il-prestazzjoni.
- **Kontrolli aktar effiċjenti u effettivi**. L-esperjenza tal-awditjar li għandna turi l-ħtieġa li l-Kummissjoni tistabbilixxi arranġamenti ċari għall-ambitu u l-frekwenza tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni li jitwettqu mill-awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedjarji u mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni. Jeħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw l-ineffiċjenzi amministrattivi (bħal preżentazzjonijiet multipli ta' dokumenti) u l-piż relatat fuq il-benefiċjarji.

## INTRODUZZJONI

### *Politika ta' Koeżjoni tal-UE*

1. Il-Politika ta' Koeżjoni għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tal-Istati Membri u tar-reġjuni[1]. Hija l-għodda prinċipali ta' investiment tal-UE u tiġi implimentata permezz tal-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) b'baġit totali ta' EUR 350 biljun għall-perjodu 2014-2020[2].

### *Miżuri tal-UE biex jissimplifikaw it-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020*

2. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ġew introdotti għadd ta' miżuri biex jissimplifikaw it-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni. Hemm żewġ tipi ta' miżuri ta' simplifikazzjoni: dawk obbligatorji u dawk fakultattivi. Il-miżuri obbligatorji jinvolvu l-armonizzazzjoni tar-regoli, l-indikaturi komuni, il-kontroll proporzjonat u l-koeżjoni elettronika[3] u l-użu obbligatorju tal-Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs) għall-proġetti taħt l-FSE b'appoġġ pubbliku sa EUR 50 000[4]. Il-miżuri fakultattivi ta'

---

[1] It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3 (ĠU C 326, 26.10.2012 pp. 13–390), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 174 (ĠU C 326, 26.10.2012, pp. 47–390).

[2] http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/policy/what/investment-policy/.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[4] L-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 470–486).

simplifikazzjoni jinkludu l-fużjoni tal-awtoritajiet maniġerjali u dawk taċ-ċertifikazzjoni (MAs u CAs) u ambitu akbar għall-użu ta' Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs)[5].

3. Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) għall-perjodu 2014-2020 jenfasizza r-responsabbiltà reċiproka tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni[6]. L-Istati Membri kienu meħtieġa li, fil-Programmi Operazzjonali (PO) tagħhom, jiġbru fil-qosor il-valutazzjoni tagħhom tal-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u, fejn meħtieġ, l-azzjonijiet u l-perjodu ta' żmien meħtieġa biex dan jitnaqqas[7].

***Miżuri ta' simplifikazzjoni addizzjonali li ġew proposti fl-2016***

4. F'Settembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni importanti tar-Regolament Finanzjarju li jirregola l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, kif ukoll tas-CPR u r-regolamenti settorjali għall-Fondi SIE[8] (l-hekk imsejjaħ "Regolament Omnibus"). Il-

---

[5] It-tieni Parti, l-Artikolu 67-68 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013, (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 (ĠU L 347, 20.12.2014, pp. 470–486).

[6] L-Artikolu 4(10) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[7] L-Artikolu 96(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[8] L-Artikolu 265 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, UE Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2016) 605 finali, Brussell, l-14 ta' Settembru 2016.

Qorti ħarġet opinjoni dwar l-abbozz ta' proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni fl-2017[9]. Iż-żewġ objettivi prinċipali li fuqhom hija bbażata din ir-reviżjoni huma s-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà. It-test finali tar-Regolament Omnibus huwa mistenni li jiġi adottat sa nofs l-2018, jiġifieri fir-raba' sena tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

5. F'kull wieħed mill-aħħar tliet perjodi ta' programmazzjoni, 2000-2006, 2007-2013 u 2014-2020, bejn wieħed u ieħor sentejn wara l-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet aġenda ta' riforma *ad hoc*[10] immirata lejn is-simplifikazzjoni.

***Appelli biex jiġi ssimplifikat aktar it-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' wara l-2020***

6. Fl-2015, il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Livell Għoli (HLG) biex jimmonitorja s-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji li jirċievu l-Fondi SIE fil-perjodu ta'

---

[9] Il-QEA, l-Opinjoni Nru 1/2017 (skont l-Artikolu 322, TFUE) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — Reviżjoni tar-"Regolament Finanzjarju" — ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[10] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Aġenda 2000 għal Unjoni aktar b'saħħitha u usa’, dokument imfassal fuq il-bażi ta' COM(97) 2000 final; il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill Ewropew “Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku”, KUMM(2008) 800 finali, is-26 ta' Novembru 2008, Brussell; Commission Decision of 10 July 2015 setting up the High Level Group of Independent Experts on Monitoring Simplification for Beneficiaries of the European Structural and Investment Funds (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2015 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Indipendenti dwar il-Monitoraġġ tas-Simplifikazzjoni għall-Benefiċjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej), C(2015) 4806 finali, l-10 ta' Lulju 2015, Brussell.

programmazzjoni 2014-2020[11]. Fl-2017, l-HLG ippreżenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020, li fil-biċċa l-kbira kienu bbażati fuq l-esperjenza tiegħu tal-implimentazzjoni tal-programmi qabel il-perjodu 2014-2020.

7. Il-Parlament Ewropew[12] u l-Kunsill [13], ippreżentaw ukoll il-fehmiet tagħhom dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni u l-ambitu għas-simplifikazzjoni. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat dokument ta' riflessjoni li kien fih għadd ta' proposti għas-simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni[14]. Il-Kumitat tar-Reġjuni esprima l-fehmiet tiegħu fl-2016[15] dwar is-simplifikazzjoni tal-Fondi SIE, fl-2017[16] ipprovda opinjoni dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 u, fl-2018[17] dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-HLG.

8. Barra minn hekk, xi Stati Membri ppreżentaw il-fehmiet u l-aspettattivi tagħhom rigward is-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' wara l-2020.

---

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2015 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Indipendenti dwar il-Monitoraġġ tas-Simplifikazzjoni għall-Benefiċjarji tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, C(2015) 4806 finali.

[12] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2017), "L-elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020" tat-13 ta' Ġunju 2017 (2016/2326(INI); u r-Riżoluzzjoni (2015), "Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020", tas-26 ta' Novembru (P8_TA(2015)0419).

[13] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (2017) dwar "Sinerġiji u simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020" tal-15 ta' Novembru 2017, Nru 657/17.

[14] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE, tat-28 ta' Ġunju 2017, COM(2017) 358.

[15] Il-Kumitat tar-Reġjuni (2016), l-Opinjoni,"Simplifikazzjoni tal-FSIE mill-perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali", tal-11 ta' Ottubru 2016, Nru CDR 8/2016.

[16] Il-Kumitat tar-Reġjuni (2017), l-Opinjoni, "Il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020", tal-11 ta' Mejju 2017, Nru CDR 1814/2016.

[17] Il-Kumitat tar-Reġjuni (2018), l-Opinjoni, "Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni għal wara l-2020", tal-31 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 2018, COTER-VI/035.

Aħna ksibna dokumenti ta' pożizzjoni ppubblikati mill-Ġermanja[18], l-Awstrija[19], ir-Repubblika Ċeka[20] u l-Polonja[21]. Kellna wkoll skambju ta' fehmiet mal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi Netherlandiż u mal-Awtorità tan-Negozji Daniża.

9. Il-fehmiet ta' dawn l-istituzzjonijiet tal-UE u ta' korpi oħra jikkonverġu fir-rigward ta’ oqsma li fihom is-simplifikazzjoni hija l-aktar meħtieġa (ara l-***Anness I***). L-elementi li ssemmew l-aktar ta’ spiss huma dawn li ġejjin:

- regoli u regolamenti (proliferazzjoni ta' regoli, kumplessità, dewmien, inkonsistenzi u nuqqas ta' ċertezza tad-dritt);
- ġestjoni u kontroll (interpretazzjonijiet doppji, sproporzjonati u differenti tar-regoli); u;
- għadd kbir ta' Programmi Operazzjonali, u arranġamenti istituzzjonali kumplessi.

***Dan id-Dokument Informattiv u Analitiku***

10. L-objettiv ta' dan id-Dokument Informattiv u Analitiku huwa li jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-pakkett leġiżlattiv għall-Politika ta' koeżjoni wara l-2020 u għad-dibattitu dwar is-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020. Dan mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda analiżi bbażata fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħna li wettaqna f'dan il-qasam fil-passat. Ladarba l-Kummissjoni tkun ippreżentat il-proposta tagħha għall-qafas leġiżlattiv ta' wara l-2020, aħna għandna bħsiebna noħorġu opinjoni dwar il-proposta leġiżlattiva li, fost l-oħrajn,

---

18 „Gemeinsame Stellungnahme der Bundesregierung und der Länder zur Kohäsionspolitik der EU nach 2020“ Berlin, l-20 ta' Ġunju 2017.

19 Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE wara l-2020, Simplifikazzjoni u Differenzjazzjoni, Dokument ibbażat fuq id-diskussjoni tal-Grupp Espert Bund-Länder, Jannar 2018.

20 Preżentazzjoni tal-Perspettiva Ċeka dwar il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020, Brussell, ir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Ċeka għall-UE, il-25 ta' Jannar 2018.

21 Wstępne stanowisko Rządu RP ws. polityki spójności po 2020 r. przyjęte przez Komitet do Spraw Europejski w dniu, is-17 ta' Lulju 2017.

se tittratta l-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġu ssimplifikati r-regoli għall-Politika ta' Koeżjoni.

11. Fl-ewwel parti tad-Dokument Informattiv u Analitiku, abbażi tal-esperjenza internazzjonali, bħal dik tal-Kummissjoni, tal-OECD, u tar-RegWatchEurope, aħna nippreżentaw il-prinċipji ġenerali, li nqisu li huma meħtieġa biex jidderieġu l-proċess ta' simplifikazzjoni. Fit-tieni parti, aħna nanalizzaw xi proposti speċifiċi li saru mill-esperti u l-istituzzjonijiet tal-UE. Aħna niffukaw fuq ħames oqsma, li nemmnu li huma ta' rilevanza ewlenija għal simplifikazzjoni effettiva.

12. Il-fehmiet tagħna huma bbażati fuq:

- ix-xogħol preċedenti tagħna (ara l-***<u>Anness II</u>***);
- intervisti ma' uffiċjali tal-Kummissjoni mid-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO), tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL), u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS), konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri (AAs) u intervisti ma' entitajiet esterni (l-OECD, u korpi oħra li jittrattaw it-tnaqqis tal-piż amministrattiv);
- eżaminar tar-rapporti dwar is-simplifikazzjoni amministrattiva inġenerali u fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni inpartikolari;
- eżaminar tal-proċeduri amministrattivi li jirregolaw l-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti fil-programmi operazzjonali minn 12-il Stat Membru (ara l-***<u>Anness III</u>***) li jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-SMEs; u
- Eżaminar tal-proposti tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u tal-Kumitat tar-Reġjuni għas-simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni, kif ukoll tal-pożizzjonijiet ta' Stati Membri magħżula (ara l-***<u>paragrafi 6</u>*** sa ***<u>8</u>***).

13. Il-Kummissjoni ngħatat l-opportunità li tikkummenta dwar dan id-dokument qabel jiġi finalizzat. Il-Kummissjoni pprovdiet xi ftit kjarifiki fattwali, li aħna qisna li kienu xierqa li ninkluduhom fid-dokument informattiv u analitiku.

**<u>PRINĊIPJI GWIDA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI FIT-TWETTIQ TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI</u>**

14. Is-simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni tirrikjedi prinċipji li jistrutturaw id-dibattitu u jiggwidaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiddeċiedu, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, għalfejn, għal min u kif issir is-simplifikazzjoni. Għal din il-fini, aħna identifikajna erba' prinċipji gwida:

| |
|---|
| **PRINĊIPJU GWIDA I:** Tinħtieġ strateġija ddefinita sew għas-simplifikazzjoni amministrattiva; |
| **PRINĊIPJU GWIDA II:** Approċċ strutturat u bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-fehim tal-kumplessità tas-sistema u biex tiġi proposta simplifikazzjoni; |
| **PRINĊIPJU GWIDA III:** L-iżgurar ta' simplifikazzjoni effettiva jirrikjedi impenn sod mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri; u |
| **PRINĊIPJU GWIDA IV:** Obbligu ta' rendikont u prestazzjoni: is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha u ma għandhiex tipperikola l-kisbiet li saru fil-kontroll intern imsaħħaħ. |

***Tinħtieġ strateġija ddefinita sew għas-simplifikazzjoni amministrattiva***

**Simplifikazzjoni amministrattiva: kuntest**

15. L-OECD tiddikjara li l-iskop tal-istrateġiji ta' simplifikazzjoni amministrattiva huwa *li jtejbu l-effiċjenza tat-tranżazzjonijiet maċ-ċittadini u man-negozji mingħajr ma jiġu*

*kompromessi l-benefiċċji regolatorji*[22] u *li jnaqqsu l-kumplessità u l-inċertezza regolatorji, u jeliminaw il-burokrazija żejda billi jnaqqsu l-piżijiet bla bżonn li jkunu nħolqu mill-burokrazija u mix-xogħol klerikali*[23]. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji jitfasslu b'mod ċar u jinkludu objettivi, riżorsi, twaqqit, outputs u riżultati, kif ukoll mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, li jistgħu jitkejlu u li jkunu raġunati sew.

16. L-OECD tirrakkomanda li jenħtieġ li jitqiesu mhux biss l-ispejjeż iżda wkoll il-benefiċċji ta' inizjattiva regolatorja qabel ma tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' simplifikazzjoni[24]. Il-Kummissjoni tikkondividi din il-fehma u temmen li dan jista' jwassal għal deregolamentazzjoni mhux dovuta. Għalhekk, il-Kummissjoni tapplika politika ta' "l-ewwel evalwa" u tikkwantifika l-ispejjeż, il-benefiċċji u l-iffrankar regolatorji fejn din id-*data* hija disponibbli qabel ma tfassal xi proposta[25].

17. Fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni, mill-2017 'il hawn, il-Kummissjoni ddifferenzjat bejn l-ispejjeż amministrattivi fil-livell tal-Istat Membru u tal-UE u l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom[26].

---

22 L-OECD (2006), "Cutting Red Tape: National Strategies for Administrative Simplification" (Neliminaw il-Burokrazija Żejda: Strateġiji Nazzjonali għas-Simplifikazzjoni Amministrattiva), p. 21.

23 L-OECD (2009), Overcoming Barriers to Administrative Simplification Strategies, Guidance for Policy makers (Negħlbu l-Ostakli għall-Istrateġiji ta' Simplifikazzjoni Amministrattiva, Gwida għal Dawk li jfasslu l-politika), p. 5.

24 L-OECD (2014), OECD Regulatory Compliance Cost Assessment Guidance (Gwida tal-OECD dwar il-Valutazzjoni tal-Ispejjeż tal-Konformità Regolatorja), p. 8, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi.

25 Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (2017), "Overview of the Union's Efforts to Simplify and to Reduce Regulatory Burdens" (Stampa Ġenerali tal-Isforzi tal-Unjoni għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis ta' Piżijiet Regolatorji), SWD(2017) 675 final, pp. 3, 44.

26 L-istudju tal-Kummissjoni Ewropea (2017), "Use of new provisions on simplification during the early implementation phase of European Structural and Investment (ESI) Funds" (Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE)), Sweco, t33 & Spatial Foresight.

**Il-fehma tagħna**

18. L-analiżi tagħna tal-fehmiet għall-perjodu ta' wara l-2020 (ara l-***Anness I***) turi li ma hemmx qbil ġenerali dwar l-objettivi tas-simplifikazzjoni, jiġifieri għalfejn u għal min hija meħtieġa s-simplifikazzjoni. Aħna nemmnu li wieħed mill-għanijiet prinċipali tas-simplifikazzjoni amministrattiva huwa t-tneħħija tal' spejjeż bla bżonn. Il-fokus primarju tas-simplifikazzjoni jenħtieġ li jkun li tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u li tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Aħna nqisu li jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tmur ukoll id f'id ma' fokus akbar fuq il-prestazzjoni, il-kosteffiċjenza u l-kwalità tar-regolamentazzjoni u tal-formalitajiet amministrattivi.

| ***Prinċipju gwida I: Tinħtieġ strateġija ddefinita sew għas-simplifikazzjoni amministrattiva*** |
|---|
| Jenħtieġ li miżura ta' simplifikazzjoni ddefinita tajjeb tfittex li tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-ispejjeż għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-benefiċċji regolatorji. Din ma għandhiex twassal għal deregolamentazzjoni mhux dovuta. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu riflessi fi strateġiji ddefiniti b'mod ċar b'objettivi stabbiliti, irraġunati sew u li jistgħu jitkejlu, kif ukoll riżorsi, twaqqit u outputs, riżultati, mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni[27]. |

[27] OECD (2009), Negħlbu l-Ostakli għall-Istrateġiji ta' Simplifikazzjoni Amministrattiva, Gwida għal Dawk li jfasslu l-politika, p. 16.

***Approċċ strutturat u bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-fehim tal-kumplessità tas-sistema u biex tiġi proposta simplifikazzjoni***

**Approċċ ibbażat fuq l-evidenza: kuntest**

19. Jenħtieġ li kwalunkwe proposta għas-simplifikazzjoni amministrattiva tkun ibbażata fuq evidenza robusta. Hemm ir-riskju li s-simplifikazzjoni amministrattiva tista' tikkonċentra fuq attivitajiet li huma irritanti għal dawk regolati, iżda mhux neċessarjament l-aktar ta' piż[28]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ddikjarat li s-simplifikazzjoni amministrattiva mingħajr valutazzjoni dettaljata minn isfel għal fuq jista' jkollha impatt fuq l-objettivi tal-politika[29]. Għal din il-fini, kemm il-Kummissjoni[30] kif ukoll l-OECD[31] jissuġġerixxu l-użu ta' metodi kwantitattivi bħall-Mudell tal-Kostijiet Standard (MKS) biex jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi u jesprimuhom f'termini monetarji[32]. Jenħtieġ li din l-evidenza kwantitattiva tiġi kkomplementata wkoll minn metodi kwalitattivi għall-valutazzjoni tal-piżijiet amministrattivi fuq il-benefiċjarji (eż. il-Proġett Burden Hunters fid-Danimarka[33]).

---

[28] L-OECD (2010), "Cutting Red Tape; Why is Administrative Simplification so complicated? Looking beyond 2010” (Neliminaw il-Burokrazija Żejda: Għalfejn is-Simplifikazzjoni Amministrattiva hija daqstant ikkumplikata? Inħarsu lil hinn mill-2010), Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, p. 35.

[29] Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (2017), Stampa Ġenerali tal-Isforzi tal-Unjoni għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis ta’ Piżijiet Regolatorji, SWD(2017) 675 final, pp. 44.

[30] Il-Kummissjoni Ewropea, Sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar, l-Għodda Nru 60, "Il-mudell tal-kost standard għall-istima tal-kosti amministrattivi".

[31] L-OECD (2010), Neliminaw il-Burokrazija Żejda: Għalfejn is-Simplifikazzjoni Amministrattiva hija daqstant ikkumplikata? Inħarsu lil hinn mill-2010, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, p. 45.

[32] http://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4374310/11-STANDARD-COST-MODEL-DK-SE-NO-BE-UK-NL-2004-EN-1.pdf/e703a6d8-42b8-48c8-bdd9-572ab4484dd3.

[33] L-OECD (2010), Neliminaw il-Burokrazija Żejda: Għalfejn is-Simplifikazzjoni Amministrattiva hija daqstant ikkumplikata? Inħarsu lil hinn mill-2010, Pariġi, p. 49.

20. F'konformità mal-linji gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar[34], il-Kummissjoni wettqet żewġ studji biex tivvaluta l-impatt tal-bidliet proposti fil-qafas leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni fuq l-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri u l-piżijiet amministrattivi fuq il-benefiċjarji. Dawn l-istudji jissuġġerixxu li l-akbar ammont ta' xogħol amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jinsab fil-ġestjoni tal-programmi: 78 % taħt il-FEŻR/l-FK u 85 % taħt il-FSE (ara t-***Tabella 1***).

**Tabella 1 - Estimi tal-ammont ta' xogħol amministrattiv tal-Istati Membri għal kull funzjoni taħt il-FEŻR/l-FK u l-FSE**

| Funzjoni | FEŻR/FK | FSE |
|---|---|---|
| **Koordinazzjoni nazzjonali** | 6 % | 3 % |
| **Tħejjija tal-programmi** | 3 % | 5 % |
| **Ġestjoni tal-programmi** | 78 % | 85 % |
| **Ċertifikazzjoni** | 5 % | 2 % |
| **Awditjar** | 8 % | 5 % |

*Sors:* L-istudji tal-Kummissjoni: "Measuring Current and Future Requirements on Administrative Cost and Burden of Managing the ESF" (Il-Kejl tar-Rekwiżiti Attwali u Futuri dwar l-Ispiża Amministrattiva u l-Piż tal-Ġestjoni tal-FSE), Ġunju 2012 u "Regional governance in the context of globalisation: reviewing governance mechanisms & administrative costs. Administrative workload and costs for Member State public authorities of the implementation of ERDF and Cohesion Fund" (Governanza reġjonali fil-kuntest tal-globalizzazzjoni: l-eżaminar tal-mekkaniżmi ta' governanza u l-ispejjeż amministrattivi. Ammont ta' xogħol amministrattiv u spejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, li huma relatati mal-implimentazzjoni tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni), 2010.

21. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' simplifikazzjoni fil-perjodu 2014-2020 tissuġġerixxi li l-akbar titjib fl-effiċjenza jista' jkun mistenni fl-aspetti relatati mal-ġestjoni tal-programmi u mal-implimentazzjoni tal-proġetti (ara l-***Anness IV***). B'mod ġenerali, l-aspetti li jieħdu l-aktar fit-tul fil-ġestjoni tal-programmi huma l-għażla tal-proġetti u l-verifikazzjoni tar-riżultati tanġibbli.

22. Fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi tal-Istati Membri, hemm ekonomiji ta' skala sinifikanti: Il-programmi tal-FEŻR u tal-FK b'volum finanzjarju relattivament għoli

---

[34] Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, p. 39.

jonfqu sehem aktar baxx tal-baġits tagħhom fuq kompiti amministrattivi. Saret osservazzjoni simili għall-programmi tal-FSE. L-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-programmi tal-FSE (bħala sehem tal-baġit totali tal-programmi operazzjonali) huma wkoll ogħla minn dawk tal-programmi tal-FEŻR[35]. Dan għaliex id-dmirijiet obbligatorji, eż. it-tfassil ta' rapporti annwali ta' implimentazzjoni, japplikaw indipendentement mill-allokazzjoni finanzjarja.

23. Fir-rigward tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, sors sinifikanti ta' kumplessità huwa r-regolamentazzjoni żejda (jiġifieri , rekwiżiti imposti fil-livell nazzjonali li jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fir-regolamenti). L-evalwazzjoni *ex post* li twettqet mill-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 u studju li twettaq f'isem il-PE jissuġġerixxu li kważi terz tal-piż li jista' jiġi evitat huwa dovut għal ineffiċjenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali u għar-regolamentazzjoni żejda[36]. Din tal-aħħar tista' tkun dovuta għal nuqqas ta' ċertezza tad-dritt u għat-tħassib tal-amministrazzjonijiet nazzjonali li interpretazzjoni inqas stretta tar-regoli tal-UE tista', fl-aħħar mill-aħħar, twassal biex il-Kummissjoni timponi korrezzjonijiet finanzjarji.

**Approċċ strutturat għas-simplifikazzjoni amministrattiva - kuntest**

24. L-esperjenza internazzjonali, b'mod partikolari dik tal-Istati Membri u tal-OECD, tissuġġerixxi li, sabiex tirnexxi, is-simplifikazzjoni amministrattiva tirrikjedi approċċ

---

[35] Sweco (2010): Governanza reġjonali fil-kuntest tal-globalizzazzjoni: l-eżaminar tal-mekkaniżmi ta' governanza u l-ispejjeż amministrattivi Ammont ta' xogħol amministrattiv u spejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, li huma relatati mal-implimentazzjoni tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, studju kkummissjonat mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, p. 8.

[36] Ex post evaluation of Cohesion Policy programmes 2007-2013, focusing on the European Regional Development Fund (ERDF), the European Social Fund (ESF) and the Cohesion Fund (CF) (Evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK)), datata Awwissu 2016, pp. 17 u 106; u l-Parlament Ewropew (2017), Riċerka għall-Kumitat REGI "Gold-plating in the European Structural and Investment Funds" (Regolamentazzjoni żejda fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej), 2017, p. 61.

strutturat. Dan jinkludi: (1) l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-piż; (2) valutazzjoni tal-impatt *ex ante* u skrutinju indipendenti tagħha; u (3) l-istabbiliment ta’ miri għat-tnaqqis tal-piżijiet u l-monitoraġġ tal-progress[37].

**Il-fehma tagħna**

25. Politika bbażata fuq l-evidenza hija ta' importanza kbira biex tiġi pprovduta regolamentazzjoni aħjar u r-regoli jinżammu sempliċi. Aħna nemmnu li jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiffukaw primarjament fuq dawk l-oqsma bl-akbar ammont ta' xogħol amministrattiv u fuq dawk l-elementi li jikkontribwixxu l-aktar għall-kumplessità (ara l-***paragrafu 21***). Għalhekk, jenħtieġ li l-punt tat-tluq ikun il-fehim tas-sorsi ta’ kumplessità u l-benefiċċji relatati tagħhom billi jiġu identifikati elementi ta' piż u għaljin bla bżonn u l-oriġini tagħhom, kemm jekk fil-livell tal-UE kif ukoll f’dak nazzjonali. Kull meta possibbli, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet jinvolvu analiżi kwantitattiva u għodod bħal stħarriġ/feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati u r-riżultati ta' evalwazzjonijiet *ex post*. Jenħtieġ li din l-analiżi tidentifika miżuri xierqa ta' simplifikazzjoni.

26. Madankollu, aħna sibna dgħufijiet fid-disponibbiltà ta' *data* rilevanti. Fl-2012, il-Kummissjoni wettqet analiżi kwantitattiva tal-ispejjeż amministrattivi u tal-piż tal-Politika ta' Koeżjoni fil-livell tal-UE[38], jiġifieri qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Madankollu, il-valutazzjoni li wettaqna ta' 12-il PO minn 12-il Stat Membru (ara l-lista tal-programmi operazzjonali fl-***Anness III***) tindika li l-Istati Membri wettqu analiżi limitata, li inġenerali kienet kwalitattiva aktar milli kwantitattiva.

---

[37] RegWatchEurope (2014): A Smart Agenda for the New European Commission (Aġenda Intelliġenti għall-Kummissjoni Ewropea l-Ġdida).

[38] t33, (2012) Measuring the impact of changing regulatory requirements to administrative cost and administrative burden of managing EU Structural Funds (ERDF and Cohesion Funds) (Il-kejl tal-impatt ta’ rekwiżiti regolatorji li qed jinbidlu għall-ispiża amministrattiva u l-piż amministrattiv tal-ġestjoni tal-Fondi Strutturali tal-UE (il-FEŻR u l-Fondi ta' Koeżjoni)), dokument ikkummissjonat mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana.

27. Mill-2015 'il hawn, il-valutazzjonijiet tal-impatt kienu parti ewlenija mill-aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar. Dan jinvolvi wkoll il-valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq partijiet ikkonċernati speċifiċi, kemm fil-livell kwalitattiv kif ukoll f'dak kwantitattiv, kull meta possibbli. Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) Indipendenti li ġie stabbilit fil-Kummissjoni fl-2015 jiċċekkja l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt. Il-Kunsill u l-Parlament huma meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalunkwe emenda sostanzjali li jagħmlu għal-leġiżlazzjoni proposta[39]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) biex tanalizza l-leġiżlazzjoni eżistenti bil-għan li tiżgura li l-benefiċċji tad-dritt tal-UE jintlaħqu bl-anqas spiża. Fir-rapporti annwali tiegħu tal-2016 u l-2017, l-RSB indika xi dgħufijiet fil-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji regolatorji[40].

28. Diġà fl-abbozz tas-CPR[41] għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni pproponiet li jenħtieġ li jintużaw il-miri biex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piż amministrattivi. Madankollu, il-miri tneħħew matul in-negozjati dwar is-CPR. B'riżultat ta' dan, il-Ftehimiet ta' Sħubija (FS) u l-programmi operazzjonali tal-Istati Membri ma stabbilew l-ebda mira biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-ispejjeż tal-amministrazzjonijiet tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni.

29. B'mod simili, il-mudell tar-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali tal-perjodu 2014-2020 ma jipprevedix rappurtar dwar il-progress li jkun sar biex jitnaqqas il-piż amministrattiv[42]. Billi ma hemm l-ebda indikatur għall-kejl tal-

---

[39] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, pp. 1–14).

[40] Il-Kummissjoni Ewropea (2017): Regulatory Scrutiny Board (Bord tal-Iskrutinju Regolatorju), ir-Rapport Annwali 2017, il-punt 2.3.

[41] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew, COM(2011) 615 finali/2, Brussell, l-14 ta' Marzu 2012, l-Artikolu 14, e.(ii).

[42] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 tal-20 ta' Jannar 2015, (ĠU L 38, 13.2.2015, pp. 1-122).

progress fir-rigward tat-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi meta titwettaq il-Politika ta' Koeżjoni, huwa diffiċli li jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex effettivi biex inaqqsu l-piż amministrattiv.

***Prinċipju gwida II: Approċċ strutturat u bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-fehim tal-kumplessità tas-sistema u biex tiġi proposta simplifikazzjoni***

Il-punt tat-tluq għal simplifikazzjoni effettiva huwa stampa ġenerali komprensiva tal-oriġini tal-piż fil-programmi operazzjonali, u l-identifikazzjoni ta' kumplessità mhux dovuta u spejjeż bla bżonn. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw miżuri adegwati ta' simplifikazzjoni bil-ħsieb li jitnaqqsu b'mod effettiv l-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw il-proposti tagħhom ta' simplifikazzjoni u l-Kummissjoni teżaminahom qabel il-bidu tal-programmi operazzjonali biex tiżgura simplifikazzjoni effettiva u tipprevjeni l-ħtieġa għal aġġustamenti *ad hoc* matul il-proċess ta' implimentazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-istabbiliment tal-miri u l-monitoraġġ tal-progress għat-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattivi huma indispensabbli biex tiġi żgurata simplifikazzjoni sostnuta fil-prattika

***L-iżgurar ta' simplifikazzjoni effettiva jirrikjedi impenn sod mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri***

**Impenn: kuntest**

30. Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri jikkondividu r-responsabbiltà għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni, u jridu jkunu involuti b'mod attiv[43] fl-ilħuq ta' dan -objettiv. Il-Kummissjoni tipproponi l-qafas legali għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Fondi, li mbagħad jiġi nnegozjat u adottat mill-

[43] Il-Kumitat tar-Reġjuni (2016), l-Opinjoni, "Simplifikazzjoni tal-FSIE mill-perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali", tal-11 ta' Ottubru 2016, Nru CDR 8/2016.

Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-Istati Membri mbagħad jerfgħu r-responsabbiltà għall-istabbiliment ta’ regoli għall-benefiċjarji, eż. għall-għażla tal-operazzjonijiet, il-monitoraġġ, u r-rappurtar. Dawn ir-regoli għandhom impatt dirett fuq il-benefiċjarji u jikkontribwixxu għall-piż amministrattiv reali u/jew ipperċepit.

**Il-fehma tagħna**

31. L-esperjenza internazzjonali, b'mod partikolari dik tal-Istati Membri, tissuġġerixxi li, sabiex tirnexxi, s-simplifikazzjoni amministrattiva tirrikjedi impenn politiku b'saħħtu, kif ukoll governanza, metodoloġija, u riżorsi adegwati[44]. Dan huwa wkoll il-każ għall-Politika ta' Koeżjoni. Simplifikazzjoni effettiva tirrikjedi impenn sod u sjieda qawwija mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri fir-rwoli rispettivi tagħhom.

32. Il-Kummissjoni tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni amministrattiva billi tipproponi regoli li jkunu "adatti għall-iskop", tarmonizzahom u tissimplifika l-mudell tal-programmi operazzjonali. Meta jkunu qed jiġu nnegozjati dawn il-proposti fil-proċess leġiżlattiv, jeħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom impenn sod biex iwettqu s-simplifikazzjoni filwaqt li ma jikkomprometttux l-ilħuq tal-objettivi tal-politika stabbiliti.

33. Wara l-adozzjoni, il-leġiżlazzjoni trid tiġi implimentata mill-Istati Membri b'mod li fil-fatt jirriżulta fis-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji. Il-Kummissjoni identifikat li l-proċess ta’ applikazzjoni, flimkien mar-rappurtar u l-ħżin tad-dokumenti, jirrappreżentaw parti kbira mill-ammont ta’ xogħol amministrattiv tal-benefiċjarji[45]. Huwa primarjament fi ħdan il-mandat tal-Istati Membri li jieħdu passi biex inaqqsu l-piż fuq il-benefiċjarji f'dawn l-oqsma.

---

[44] L-istudju tas-CEPS (2017), "Introducing EU reduction Targets on regulatory Costs, a feasibility study” (Introduzzjoni tal-Miri tal-UE għat-Tnaqqis tal-Ispejjeż regolatorji, studju ta' fattibbiltà), A. Renda, p. 39.

[45] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impact Assessment" (Valutazzjoni tal-Impatt) (2011), tas-6 ta' Ottubru 2011, SEC(2011) 1141 finali, p. 17.

34. Is-CPR jirrikjedi li l-ftehimiet ta’ sħubija u l-programmi operazzjonali tal-Istati Membri jirrappurtaw "miżuri maħsuba biex inaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji". Madankollu, ma kienx hemm metodoloġija komuni dwar kif dawn il-miżuri għandhom jiġu vvalutati fl-evalwazzjonijiet *ex ante* tal-ftehimiet ta’ sħubija u l-programmi operazzjonali. Din il-parti tal-programmi operazzjonali ma kinitx suġġetta għal deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-esperjenza meħuda mill-programmi għall-perjodu 2014-2020 (ara l-***paragrafu 26***) tissuġġerixxi li jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha rwol aktar attiv.

***Prinċipju gwida III: L-iżgurar ta’ simplifikazzjoni effettiva jirrikjedi impenn sod mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri***

Simplifikazzjoni effettiva tirrikjedi impenn sod u sjieda qawwija mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Istati Membri, skont ir-rwoli tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni amministrattiva billi tipproponi regoli li jkunu "adatti għall-iskop". Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom impenn sod biex iwettqu s-simplifikazzjoni fil-proċess leġiżlattiv mingħajr ma jipperikolaw l-ilħuq tal-objettivi tal-politika. Huwa mbagħad primarjament fi ħdan il-mandat tal-Istati Membri li jieħdu passi biex inaqqsu l-piż amministrattiv li jkun hemm fuq il-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja l-proċess sabiex tappoġġja aħjar lill-Istati Membri fir-rigward tas-simplifikazzjoni fil-prattika.

***Obbligu ta' rendikont u prestazzjoni: is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha u ma għandhiex tipperikola l-kisbiet li saru fil-kontroll intern imsaħħaħ***

**Aċċertament, obbligu ta' rendikont pubbliku u effettività: kuntest**

35. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Dan ifisser li hija teħtieġ aċċertament li l-Istati Membri qed jużaw il-finanzjament b'mod responsabbli u effettiv[46]. B'dan, aħna nifhmu:

(a) Aċċertament u obbligu ta' rendikont pubbliku L-awtoritajiet jonfqu l-fondi f'konformità mar-regoli applikabbli. Dan jinvolvi rwoli u responsabbiltajiet għall-ġestjoni u l-kontroll li huma stabbiliti b'mod ċar u mifhuma sew kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni; rappurtar regolari dwar l-użu li jsir minn dan l-infiq, l-eliġibbiltà tiegħu u l-awditjar indipendenti tiegħu[47].

(b) Effettività, jiġifieri l-ilħuq tal-objettivi tal-politika maqbula mil-leġiżlaturi. L-ewwel nett, din tirrikjedi l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment, il-prijoritajiet ta' finanzjament, l-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni. Sussegwentement, din tinvolvi l-għażla tal-proġetti li jikkorrispondu l-aħjar għall-objettivi u li jagħtu r-riżultati, billi tinġabar *data* dwar il-prestazzjoni u jiġi mmonitorjat il-progress.

36. Matul iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni preċedenti ssaħħew l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont, b'mod partikolari d-deżinjazzjoni formali tal-awtoritajiet u l-kontrolli obbligatorji mwettqa mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-awditjar fuq il-

---

[46] Il-Preambolu (10) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[47] Il-QEA (2018), Dokument Informattiv u Analitiku dwar Future of EU finances: reforming how the EU Budget operates (Il-Futur tal-finanzi tal-UE: nirriformaw il-mod kif jopera l-baġit tal-UE), Frar 2018.

funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal kull wieħed mill-programmi operazzjonali[48].

37. Filwaqt li l-għan huwa li jintlaħqu l-objettivi tal-Politika ta' Koeżjoni maqbula mil-leġiżlaturi, jeħtieġ li jkun hemm fokus fuq l-użu effettiv tal-finanzjament. Fir-reviżjoni tagħha tal-baġit, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jsir titjib fl-effettività tal-Politika ta' Koeżjoni billi jkun hemm fokus fuq ir-riżultati[49]. Il-pakkett leġiżlattiv għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, primarjament is-CPR, introduċa bidliet sinifikanti li huma maħsuba biex iżidu l-fokus fuq il-prestazzjoni effettiva, inkluża loġika ta' intervent, kundizzjonalitajiet *ex ante* u qafas ta' prestazzjoni.,

**Il-fehma tagħna**

38. L-għan prinċipali tal-Politika ta' Koeżjoni huwa li tilħaq l-objettivi tal-politika, jiġifieri li tippromwovi l-iżvilupp kumplessiv tal-UE billi tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tal-Istati Membri u tar-reġjuni. Aħna nqisu li s-simplifikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni ma għandhiex issir għad-detriment tal-ilħuq tal-objettivi tal-politika u tal-obbligu ta' rendikont għall-użu ta' fondi pubbliċi.

39. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-leġiżlaturi ddeċidew li jsaħħu l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont għall-Politika ta' Koeżjoni. Ix-xogħol tal-awditjar tagħna juri li din id-deċiżjoni kkontribwiet għat-tnaqqis sinifikanti fil-livell ta' irregolaritajiet[50]. Ir-rati ta' żball li l-Qorti rrappurtat mill-2007 'il hawn għall-infiq li sar fil-perjodu 2007-2013 huma f'livell sinifikattivament aktar baxx meta mqabbel mal-

---

[48] L-Artikoli 14 u 71 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, (ĠU L 210, 31.7.2006, pp. 25–78).

[49] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti Nazzjonali, KUMM(2010) 700, "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", tad-19 ta' Ottubru 2010.

[50] George Karakatsanis u Martin Weber (2016), "The European Court of Auditors and Cohesion Policy" (Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Politika ta' Koeżjoni) fil-"Handbook on Cohesion Policy in the EU" (Manwal dwar il-Politika ta' Koeżjoni fl-UE).

perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, u kienu konsistentement aktar baxxi mill-2011 sal-2016 (ara ***Figura 1***)[51]. Dan jikkorrispondi għal biljuni ta' euro li ntnefqu mingħajr irregolaritajiet, eż. fuq proġetti jew kategoriji ta' spejjeż ineliġibbli, fuq għajnuna illegali mill-Istat jew fuq proġetti li jiksru r-regoli tal-akkwist pubbliku, kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali. Dawn ir-riżultati pożittivi ma setgħux jinkisbu mingħajr it-tisħiħ tal-arranġamenti ta' kontroll intern. Dawn il-kisbiet ma għandhomx jiġu pperikolati.

**Figura 1 - Estimi tar-rati ta' żball fil-qasam tal-Koeżjoni, mill-2007 sal-2016**




*Sors:* Ir-rapporti annwali tal-QEA, 2007-2016.

40. Fl-2018, il-Kunsill ippropona sistema ta' twettiq għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 li hija bbażata kollha kemm hi fuq id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ir-regoli nazzjonali u fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, u li tillimita l-opportunitajiet tal-Kummissjoni biex din tintervjeni[52]. Dan l-approċċ, jekk jiġi applikat, jippreżenta bidla kbira fis-sistemi attwali ta' ġestjoni u kontroll. Kif diġà osservajna,

51 Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018 "L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati", il-paragrafi 80 u 81.

52 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (2018), "It-twettiq u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020", it-12 ta' April 2018, Stqarrija għall-Istampa 178/18.

matul iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, l-arranġamenti tal-obbligu ta’ rendikont issaħħew minħabba li, fost oħrajn, il-Kummissjoni kisbet aċċertament dwar ir-regolarità tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni billi ddependiet fuq kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri f’konformità mal-prinċipju ta' "awdtu uniku". Il-prerekwiżit għal dan huwa x-xogħol ta' kwalità mwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar[53]. It-tneħħija tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni tippreżenta madankollu riskju sinifikanti għal-livell attwali ta' obbligu ta’ rendikont u ta’ aċċertament. Skont it-Trattat[54], il-Kummissjoni hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit b’kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

41. Il-Qorti preċedentement sabet li n-nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni kien problema fundamentali fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE[55]. Filwaqt li dan ġie indirizzat parzjalment fis-CPR, ix-xogħol tal-awditjar tagħna wera stampa ta' suċċess imħallat għat-tliet bidliet imsemmija hawn fuq. Aħna osservajna li nkisbet loġika ta’ intervent aktar robusta għall-programmi operazzjonali, iżda li din kienet akkumpanjata minn kumplessità akbar, inkluż għadd eċċessiv ta' indikaturi u dgħufija fid-definizzjoni tar-riżultati[56]. Aħna sibna wkoll li l-kundizzjonalitajiet *ex ante* pprovdew qafas ta' referenza armonizzat għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-użu effettiv tal-fondi. Madankollu, mhuwiex ċar kemm dan irriżulta f'bidliet fil-prattika. Barra minn hekk, aħna kkonkludejna li l-qafas ta' prestazzjoni b'riżerva ta’ prestazzjoni li kellha sservi

---

[53] L-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, pp. 25-78).

[54] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 317.

[55] Il-QEA (2014), ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2013, il-Kapitolu 10, il-paragrafu 10.57.

[56] Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali Nru 2/2017, “In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020”, il-paragrafi 143, 146 u 150.

bħala inċentiv għal prestazzjoni aħjar ma kienx aktar orjentat lejn ir-riżultati milli kienu arranġamenti simili li saru fil-perjodi ta’ prrogrammazzjoni preċedenti[57].

42. Minkejja dawn ir-riżultati mħallta, aħna nqisu li s-simplifikazzjoni tista' u jenħtieġ li tmur id f'id ma' fokus akbar fuq il-prestazzjoni. Aħna naqblu wkoll mal-fehma indikata fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet li s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u t-tnaqqis tal-piż regolatorju jeħtieġ li jiġu segwiti mingħajr ma tixxekkel il-kisba tal-objettivi tal-politika[58].

| |
|---|
| ***Prinċipju gwida IV: Obbligu ta’ rendikont u prestazzjoni: is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha u ma għandhiex tipperikola l-kisbiet li saru fil-kontroll intern imsaħħaħ*** <br><br> L-għan prinċipali tal-Politika ta' Koeżjoni huwa li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-fondi SIE jridu jintużaw skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jikkonformaw mar-rekwiżiti legali[59]. Is-simplifikazzjoni mhijiex għan fiha nfisha. |

## OQSMA MAGĦŻULA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI FIT-TWETTIQ TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI

43. Hawn taħt, aħna nindikaw il-fehmiet tagħna dwar għadd ta' kwistjonijiet li aħna nqisu bħala l-oqsma prinċipali ta' kumplessità għat-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni, jiġifieri l-leġiżlazzjoni u l-gwida tal-UE; l-istrutturi ta’ ġestjoni tal-programmi operazzjonali; l-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti (inkluża r-regolamentazzjoni

57 Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017 "Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni", il-paragrafi 25-65, 72.

58 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, pp. 1–14).

59 Il-Preambolu (10) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

żejda); l-użu ta’ Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs) u tipi oħra ta' miżuri bbażati fuq kundizzjonijiet; kontrolli aktar effiċjenti u effettivi. Għal kull waħda minnhom, aħna identifikajna xi restrizzjonijiet fuq is-simplifikazzjoni amministrattiva. Aħna nqisu li l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji gwida msemmija f'dan id-dokument jgħinu biex jiġu indirizzati dawn ir-restrizzjonijiet.

***Leġiżlazzjoni u gwida tal-UE***

**Ċarezza tal-leġiżlazzjoni u l-gwida tal-UE**

44. Fl-2011, l-ewwel opinjoni tagħna dwar l-abbozz tas-CPR iddikjarat li l-arranġamenti għall-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni fil-programm attwali għall-perjodu 2014-2020 huma kumplessi, u l-piż fuq l-amministrazzjonijiet kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali jibqa' għoli[60]. Studju li twettaq fl-2017 mill-Parlament Ewropew sab li regoli kumplessi u mhux ċari jwasslu għal problemi ta' interpretazzjoni u inċertezza tad-dritt[61]. Dan, min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għal regolamentazzjoni żejda u għal żieda fl-ispejjeż u l-piż amministrattivi. Fl-2017, il-Kunsill ikkonkluda wkoll li regoli kumplessi huma waħda mill-kawżi ewlenin għall-iżbalji[62].

45. Għall-perjodu 2014-2020, l-għadd kemm ta' regolamenti kif ukoll ta' noti ta’ gwida żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel maż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Bejn il-perjodu 2007-2013 u l-perjodu 2014-2020, l-għadd ta' paġni tar-regolamenti u tan-noti ta’ gwida rdoppja minn 1 732 għal 3 889. Meta mqabbel mal-

---

60 Il-QEA (2011), l-Opinjoni Nru 7/2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-paragrafu 5.

61 Il-Parlament Ewropew (2017), Riċerka għall-Kumitat REGI, Regolamentazzjoni żejda fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, 2017, p. 63.

62 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (2017) dwar "Sinerġiji u simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020" tal-15 ta' Novembru 2017, Nru 657/17, il-punt II(10).

perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, l-għadd ta’ regolamenti żdied b’50 % u l-għadd ta’ noti ta' gwida żdied b’570 % (ara l-***Anness V***). Skont il-Kummissjoni, in-noti ta' gwida jingħataw prinċipalment fuq talba mill-Istati Membri.

46. Iż-żieda fl-għadd ta’ noti ta' gwida mill-perjodu 2007-2013 sal-perjodu 2014-2020 hija relatata primarjament mal-fażi ta' programmazzjoni (ara l-***Figura 2***). Il-gwida li ġiet introdotta reċentement kellha l-għan ewlieni li tispjega kif għandhom jiġu akkomodati mhux biss l-elementi li ġew introdotti reċentement li huma mistennija li jagħmlu l-Politika ta' Koeżjoni aktar orjentata lejn il-prestazzjoni (jiġifieri kundizzjonalitajiet *ex ante*), iżda wkoll il-loġika ta’ intervent rinfurzata u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-programmi operazzjonali. Filwaqt li, fil-prinċipju, in-noti ta' gwida tal-Kummissjoni huma vinkolanti biss fuq is-servizzi proprji tagħha, hemm tħassib konsiderevoli fost l-Istati Membri li nuqqas ta' konformità mal-gwida tal-Kummissjoni jista', fl-aħħar mill-aħħar, jirriżulta wkoll f'korrezzjonijiet finanzjarji[63].

[63] Il-Parlament Ewropew (2017), Riċerka għall-Kumitat REGI, Regolamentazzjoni żejda fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, 2017, p. 67

**Figura 2 - Regolamenti u gwida dwar il-Politika ta' Koeżjoni sal-20 ta' April 2018**

| Tip ta' dokument relatat mal-fażi tal-programm | Perjodu ta' programmazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2000 - 2006 | | 2007 - 2013 | | 2014 - 2020 | |
| | Għadd | Paġni | Għadd | Paġni | Għadd | Paġni |
| Regolamenti tal-UE u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni | | | | | | |
| Subtotal | **19** | **138** | **21** | **313** | **28** | **774** |
| Orizzontali | 6 | 61 | 6 | 93 | 6 | 228 |
| Programmazzjoni | 6 | 23 | 14 | 57 | 6 | 166 |
| Implimentazzjoni | 7 | 54 | 1 | 163 | 16 | 380 |
| Għeluq | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dokumenti ta' gwida | | | | | | |
| Subtotal | **13** | **374** | **60** | **1 419** | **88** | **3 115** |
| Programmazzjoni | 4 | 76 | 5 | 76 | 49 | 1 413 |
| Implimentazzjoni | 5 | 72 | 54 | 1 205 | 34 | 1 599 |
| Għeluq *) | 4 | 226 | 1 | 138 | 5 | 103 |
| TOTAL | 32 | 512 | 81 | 1 732 | 116 | 3 889 |

*) għeluq annwali tal-kontijiet 2014-2020

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq is-sit web http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/legislation/guidance.

47. Matul iż-żmien u l-perjodi ta' programmazzjoni, ċerti aspetti tal-ġestjoni tal-programmi ġew speċifikati fin-noti ta' gwida. Pereżempju, il-metodoloġija ta' kampjunar għall-awditjar tal-operazzjonijiet jew il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-proġetti li jiġġeneraw id-dħul, li kienu preċedentement stabbiliti fin-noti ta' gwida, ġew inklużi fir-regolamenti għall-perjodu 2014-2020. Dan iżid l-għadd ta' regolamenti, imma wkoll iċ-ċertezza tad-dritt għall-Istati Membri.

**Disponibbiltà f'waqtha u stabbiltà tar-regoli matul u bejn il-perjodi ta' programmazzjoni**

48. Id-dewmien fin-negozjar tal-QFP 2014-2020 wassal għal dewmien fl-adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv għall-Politika ta' Koeżjoni: dan ma ġiex adottat qabel Diċembru 2013, jiġifieri ġimagħtejn qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Il-gwida assoċjata ġiet adottata b'mod frammentat sa Settembru 2014. Il-leġiżlazzjoni sekondarja ġiet adottata gradwalment sa Jannar 2016 fl-istess żmien li ġew adottati u implimentati l-programmi operazzjonali. L-evidenza li ġbarna tissuġġerixxi wkoll li ħafna regoli u rekwiżiti addizzjonali kkontribwew għal dewmien fin-negozjar u fl-adozzjoni tal-

programmi operazzjonali[64]. Fid-dawl ta' dan, aħna rrakkomandajna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta l-proposti leġiżlattivi tagħha għall-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu wara l-2020 f'ħin tajjeb, biex b'hekk in-negozjati jkunu jistgħu jiġu kkompletati qabel ma jibda l-perjodu ta' programmazzjoni[65].

49. Waħda mis-sejbiet prinċipali tal-evalwazzjoni *ex post* li twettqet mill-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 kienet li l-bidliet frekwenti tar-regoli, li l-applikazzjoni tagħhom kienet spiss retrospettiva, ikkontribwew għall-inċertezza tad-dritt u għal interpretazzjonijiet diverġenti bejn l-awtoritajiet differenti fl-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, l-Awtoritajiet Maniġerjali (MAs) kellhom it-tendenza li japplikaw ir-regoli bl-aktar mod strett possibbli sabiex ibaxxu r-riskju ta' korrezzjonijiet finanzjarji[66]. Diversi studji jissuġġerixxu li minbarra d-disponibbiltà f'waqtha, in-nuqqas ta' stabbiltà fir-regoli u d-deċiżjonijiet retroattivi huma wkoll ta' tħassib serju għaċ-ċertezza tad-dritt[67]. L-HLG dwar is-simplifikazzjoni ddikjara li filwaqt li jenħtieġ li r-regoli jiġu ssimplifikati, jenħtieġ ukoll li dawn jibqgħu stabbli bejn il-perjodi ta' programmazzjoni. Il-Parlament Ewropew[68] u l-Kumitat tar-Reġjuni[69] huwa wkoll ta' din l-opinjoni.

---

64 Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali Nru 2/2017, "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020", il-paragrafu 55.

65 *idem*, il-Figura 3, il-paragrafi 138, 139 u r-Rakkomandazzjoni 1.

66 L-evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), datata Awwissu 2016, pp. 105 u 106.

67 L-EPRC (2015), id-Dokument Tematiku 37(2) tal-IQ-Net, "Is simplification simply a fiction?" (Is-simplifikazzjoni hija sempliċiment finzjoni?), l-Iskola tal-Gvern u l-Università ta' Strathclyde għall-Politika Pubblika taċ-Ċentru ta' Riċerka fil-qasam tal-Politiki Ewropej, p. 12.

68 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2017), "L-elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020" tat-13 ta' Ġunju 2017 (2016/2326(INI), il-paragrafu 38.

69 Il-Kumitat tar-Reġjuni (2016), l-Opinjoni, Simplifikazzjoni tal-FSIE mill-perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, il-119-il sessjoni plenarja tal-10, il-11 u t-12 ta' Ottubru 2016, il-paragrafu 45.

50. Aħna nqisu li d-disponibbiltà f'waqtha tar-regoli hija essenzjali. Aħna nemmnu wkoll li r-regoli stabbli jistgħu jkunu mezz ta' simplifikazzjoni effettiva. B'mod partikolari, hemm ir-riskju li bidliet aktar estensivi għas-sistema attwali ta’ aċċertament imorru kontra l-kisbiet reċenti biex jiġi żgurat li l-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni huwa legali u regolari (ara l-***paragrafu 39***).

**L-armonizzazzjoni tar-regoli tagħmel is-sistema inqas kumplessa u tgħin lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-benefiċjarji**

51. Is-CPR għall-perjodu 2014-2020 jipprovdi regoli komuni li japplikaw għall-ħames Fondi SIE kollha. Dan jinkludi l-għażla ta' programmi b'ħafna fondi u kumitati konġunti ta' monitoraġġ, u l-possibbiltà li kull Fond jista' jappoġġja l-operazzjonijiet ta’ assistenza teknika li huma eliġibbli taħt kwalunkwe wieħed mill-Fondi l-oħra.

52. Minkejja l-intenzjonijiet tajba stipulati fis-CPR, il-Kummissjoni ma rnexxiliex kompletament tarmonizza r-regoli anke għat-tliet fondi (il-FEŻR, l-FK u l-FSE) li jimplimentaw il-Politika ta' Koeżjoni. F'rapport preċedenti, aħna sibna li l-FEŻR/l-FK u l-FSE japplikaw definizzjonijiet differenti ta’ *data* dwar il-prestazzjoni għall-perjodu 2014-2020. Dan jinvolvi l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistemi differenti tal-IT, u għaldaqstant jikkontribwixxi għal spiża amministrattiva akbar għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u għal piż amministrattiv bla bżonn għall-benefiċjarji[70]. Eżempju ieħor huwa li l-awtoritajiet tal-awditjar jew il-korpi ekwivalenti, ma jsegwux l-istess approċċ għall-ħames Fondi kollha. L-HLG jissuġġerixxi wkoll li r-regoli mhumiex kompatibbli bejn il-Fondi u l-modi ta’ ġestjoni, u b’hekk jiġu limitati s-sinerġiji bejn il-Fondi SIE u fondi oħra tal-UE bħall-programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (COSME) u Orizzont 2020.

[70] Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali 2/2017, "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020", il-paragrafi 148-151.

***Struttura ta' ġestjoni tal-Programmi Operazzjonali (PO)***

**L-għadd ta' programmi operazzjonali u l-awtoritajiet involuti**

53. Il-Politika ta' Koeżjoni titwettaq permezz ta' programmi operazzjonali. L-Istati Membri[71] jgawdu minn livell ta' awtonomija li jiddeċiedu dwar l-għadd ta' programmi operazzjonali, il-kombinament ta' Fondi użati f'PO, l-għadd ta' assi prijoritarji u objettivi speċifiċi, u l-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll, li huma suġġetti għal ċerti restrizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti[72].

54. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri ħolqu aktar minn 390 PO. L-għadd ta' programmi operazzjonali u awtoritajiet fi Stat Membru jiddependi wkoll fuq l-istruttura kostituzzjonali u amministrattiva tiegħu. Pereżempju, fi stati federali (bħall-Ġermanja jew il-Belġju) kważi l-programmi kollha huma stabbiliti fil-livell reġjonali u mmaniġġjati mill-awtoritajiet reġjonali.

55. Skont l-estimi tal-Kummissjoni, fil-perjodu 2014-2020, l-Istati Membri stabbilew madwar 1 400 awtorità differenti biex jimmaniġġjaw il-programmi: madwar 116-il istituzzjoni li jaġixxu bħala awtoritajiet tal-awditjar, 300 bħala awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u awtoritajiet maniġerjali, u 924 korp intermedjarju taħt il-FEŻR, l-FK u l-FSE (inkluża l-kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC)).

56. B'mod ġenerali, l-għadd ta' awtoritajiet ma jikkorrelatax mal-allokazzjoni tal-baġit għall-programmi operazzjonali[73], għal aktar dettalji ara l-***Anness VI***. Xi evidenza tissuġġerixxi li l-volum finanzjarju tal-programmi operazzjonali jagħmel differenza (ara

---

[71] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014 tal-25 ta' Frar 2014 (ĠU L 87, 22.3.2014, pp. 1–48).

[72] L-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014 tal-25 ta' Frar 2014, (ĠU L 87, 22.3.2014, pp. 1–48).

[73] Abbażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni.

l-***paragrafu 22***). Ekonomiji ta' skala jeżistu u l-perċentwal tal-ispejjeż amministrattivi għandu t-tendenza li jonqos, aktar ma l-baġit jiżdied.

57. L-evalwazzjoni *ex post* tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li twettqet mill-Kummissjoni, tissuġġerixxi li r-riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti tar-regoli f'livelli differenti jiżdied mal-għadd ta' awtoritajiet għal kull PO[74]. Dan, min-naħa tiegħu, jista' jikkontribwixxi għall-inċertezza tad-dritt u għar-regolamentazzjoni żejda, u għaldaqstant għal spejjeż amministrattivi addizzjonali għall-awtoritajiet u għal piż fuq il-benefiċjarji.

**Simplifikazzjoni ta' elementi oħra tal-programmi operazzjonali, bħal kundizzjonalitajiet *ex ante* u indikaturi tal-prestazzjoni**

58. Għall-perjodu 2014-2020, l-Istati Membri kienu meħtieġa jiżguraw li għadd ta' prerekwiżiti kienu stabbiliti biex jiżguraw użu aktar effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-UE: l-hekk imsejħa "kundizzjonalitajiet *ex ante*". Aħna rrakkomandajna li jenħtieġ li l-Kummissjoni telimina d-duplikazzjonijiet u tintroduċi kriterji ċari ta' valutazzjoni għal dawn il-kundizzjonalitajiet *ex ante*[75].

59. Barra minn hekk, l-Istati Membri ddefinixxew madwar 9 000 indikatur biex ikejlu l-prestazzjoni tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020. Il-biċċa l-kbira huma speċifiċi għall-programm, u l-Kummissjoni mhux se tkun tista' taggrega din id-*data* b'mod sinifikattiv fil-livell tal-UE. Madankollu, jeħtieġ li l-Istati Membri jiġbru l-informazzjoni kollha u jirrappurtawha fil-ħin. Skont il-Kummissjoni, dan il-qafas ta' monitoraġġ huwa fattur importanti li jikkontribwixxi għall-ispiża amministrattiva għall-awtoritajiet u għall-piż fuq il-benefiċjarji (ara l-***Anness IV***). F'rapport preċedenti, aħna

---

[74] L-evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), datata Awwissu 2016, p. 106.

[75] Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017, "Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni".

osservajna li, minħabba l-ispiża fuq bażi regolari tal-ġbir ta' din id-*data*, l-għadd ta' indikaturi tal-prestazzjoni kien eċċessiv. Aħna rrakkomandajna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-indikaturi relatati mal-outputs u r-riżultati, biex tidentifika dawk li kienu l-aktar rilevanti u l-aktar adattati biex jiġi ddeterminat l-impatt tal-intervent tal-UE[76].

***Ineffiċjenzi amministrattivi fl-għażla u fl-implimentazzjoni tal-proġetti fil-qasam tal-Koeżjoni (inkluża r-regolamentazzjoni żejda)***

**Regolamentazzjoni żejda**

60. Madwar terz mill-piż amministrattiv għall-benefiċjarji fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni huwa marbut mar-regolamentazzjoni żejda[77]. Regolamentazzjoni żejda tirreferi għar-regoli u l-obbligi regolatorji addizzjonali tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti relatati mal-fondi SIE stabbiliti fil-livell tal-UE, u li jagħmlu l-implimentazzjoni tal-fondi SIE aktar għalja u aktar ta' piż għall-korpi u l-benefiċjarji tal-programmi.

61. Ir-raġunijiet ewlenin għar-regolamentazzjoni żejda huma l-inċertezza tad-dritt, l-inkonsistenzi fil-qafas regolatorju, il-biża' mill-awditjar, u l-kumplessità tas-sistema ta’ ġestjoni kondiviża. L-impatt negattiv tar-regolamentazzjoni żejda huwa varjat: huwa jiżid l-ispejjeż amministrattivi u l-piż fuq il-benefiċjarji, u jista' wkoll jiskoraġġixxi l-użu

---

[76] Il-QEA (2017), ir-Rapport Speċjali Nru 2/2017, "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020".

[77] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE, ir-Rapport finali, SWECO, t33 & Spatial Foresight.

tal-finanzjament ta’ Koeżjoni[78]. Il-Qorti rrakkomandat[79] li jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza r-regoli nazzjonali ta’ eliġibbiltà għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020 bil-ħsieb li tidentifika prattiki tajba u tnaqqas ir-regolamentazzjoni żejda.

62. Fit-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni qablet li twettaq analiżi ffukata tar-regoli nazzjonali ta’ eliġibbiltà u enfasizzat ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jissimplifikaw dawn ir-regoli u li jindirizzaw ir-regolamentazzjoni żejda. Sa April 2018 il-Kummissjoni ma kinitx wettqet din l-analiżi. Skont il-Kummissjoni, għas-sejbiet tal-awditjar tagħha għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni tuża s-sistema Ġestjoni ta’ Proċessi tal-Awditjar, Attivitajiet u Riżorsi (MAPAR), li tippermettiha tiġbor informazzjoni speċifika dwar każijiet ta' regolamentazzjoni żejda. Il-Kummissjoni għadha ma ħarġitx rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri dwar kif għandhom jeliminaw każijiet konkreti ta' regolamentazzjoni żejda. Il-Kummissjoni kkomunikat ukoll li se tniedi proġett biex tirrapporta dwar sejbiet tal-awditjar fil-passat u dwar tipi ta' żbalji rilevanti li ġew identifikati.

**Razzjonalizzazzjoni tal-proċess tal-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti**

63. L-Istati Membri huma responsabbli għall-għażla tal-proġetti għall-finanzjament, kif ukoll għall-evalwazzjoni, l-approvazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, u għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni Għalkemm ir-rekwiżiti ġenerali huma stabbiliti fis-CPR, ix-xogħol tal-awditjar tagħna juri li l-prattiki amministrattivi u l-piż amministrattiv relatat fuq il-benefiċjarji jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-programmi operazzjonali.

78 Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE, ir-Rapport finali, SWECO, t33 & Spatial Foresight.

79 Ir-Rapport Annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2014, il-Kapitolu 6, ir-Rakkomandazzjoni 1 u r-Rapport Annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2015, il-Kapitolu 6, Rakkomandazzjoni 2.

64. Sabiex nidentifikaw l-opportunitajiet għas-simplifikazzjoni, aħna eżaminajna 12-il skema ta' investiment kofinanzjati mill-FEŻR (li jkopru programmi operazzjonali fi 12-il Stat Membru) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 taħt l-Objettiv Tematiku 3 "Kompetittività" (ara l-***Anness III***). L-analiżi tagħna kienet tkopri l-fażi tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

*Fażi tal-applikazzjoni tal-proġetti*

65. L-analiżi tagħna wriet li ħafna elementi tal-fażi tal-applikazzjoni tal-proġetti huma komuni għall-programmi operazzjonali kollha. Madankollu, jeżistu differenzi, b'mod partikolari rigward il-mod kif l-applikazzjonijiet għall-proġetti jiġu ppreżentati, id-daqs tal-applikazzjonijiet għall-proġetti u l-ammont ta' informazzjoni li l-applikanti jiġu mitluba jipprovdu.

66. L-iskambju elettroniku tad-*data*, jiġifieri l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet, jinsab fil-qalba tal-Artikolu 122 tas-CPR[80]. Fl-2016, il-Kummissjoni stmat li l-użu tat-teknoloġiji diġitali jnaqqas il-piż amministrattiv aggregat bi 11 %, inaqqas ir-riskju ta' telf ta' dokumenti u jnaqqas l-ispejjeż tal-arkivjar[81]. L-eżaminar tagħna wera li l-applikazzjonijiet kollha għall-proġetti ġew ippreżentati b'mod elettroniku f'6 mit-12-il PO eżaminati. Il-bqija ġew ippreżentati permezz ta' kopja stampata (3 programmi operazzjonali) jew bl-użu ta' kombinament ta' kopji elettroniċi u stampati (3 programmi operazzjonali). Għalhekk għad hemm lok konsiderevoli għal tnaqqis ulterjuri tal-ispiża amministrattiva għall-Istati Membri u tal-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji permezz ta' użu aħjar tat-teknoloġiji diġitali.

---

[80] L-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[81] Il-Kummissjoni Ewropea (2014), It-Tabella ta' Valutazzjoni Finali tas-Semplifikazzjoni għall-QFP 2014-2020. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, it-3 ta' Marzu 2014.

67. Hemm ukoll differenzi sinifikanti bejn il-programmi operazzjonali fir-rigward tad-daqs tal-applikazzjonijiet għall-proġetti. Aħna sibna li l-għadd ta' paġni li jridu jimtlew ivarja bejn 15 u 134.

68. Hemm ukoll varjazzjoni fl-informazzjoni li l-applikanti għandhom jipprovdu bħala appoġġ għall-applikazzjonijiet tagħhom. Filwaqt li xi informazzjoni għandha tiġi pprovduta għall programmi kollha, eż. informazzjoni ġenerali dwar l-applikant u deskrizzjoni tal-proġett propost, informazzjoni oħra li tiġi mitluba tvarja minn PO wieħed għall-ieħor, u dan jirrifletti l-kriterji ta' eliġibbiltà differenti meqjusa bħala kruċjali għal tip partikolari ta' investiment, eż. l-istatus finanzjarju tal-applikant (10 minn 12-il PO kienu jirrikjedu dan); is-sitwazzjoni kompetittiva tal-applikant (8 minn 12-il PO); l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-proġetti (6 minn 12-il PO); u d-disponibbiltà ta' ċertifikat ISO ta' ġestjoni tal-kwalità (3 minn 12-il PO).

69. L-informazzjoni li l-applikanti għandhom jipprovdu tinfluwenza l-ammont ta' xogħol li l-benefiċjarji jkollhom jagħmlu sabiex jimlew il-formoli ta' applikazzjoni u, *in extremis*, tista' wkoll tiskoraġġixxihom milli japplikaw għal finanzjament mill-UE. Barra minn hekk, din id-*data* kollha trid tiġi pproċessata wkoll mill-awtoritajiet u aktar ma tintalab informazzjoni aktar tkun għolja l-ispiża amministrattiva relatata mal-għażla tal-proġetti.

*Fażi tal-implimentazzjoni tal-proġetti*

70. Fil-fażi tal-implimentazzjoni, l-eżaminar tagħna sab li l-programmi operazzjonali jippermettu l-possibbiltà li t-talbiet għall-pagamenti u d-dokumenti ta' sostenn jiġu ppreżentati b'mod idfferenti (inklużi kopji stampati u l-kombinamenti ta' kopji stampati u ta' verżjonijiet elettroniċi).

71. Il-perjodu taż-żamma meħtieġ għad-dokumenti ta' sostenn dwar l-infiq li jkun iġġarrab, iddefinit fil-livell tal-Istat Membru, ivarja minn "ħames snin wara l-ikkompletar tal-proġett" sa "sal-2031". Konsegwentement, il-benefiċjarji tal-finanzjament li jappoġġja l-istess tip ta' investimenti taħt programmi operazzjonali

differenti jesperjenzaw livelli differenti ta' piż amministrattiv fir-rigward taż-żamma tad-dokumenti.

72. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri[82] koperti mill-eżaminar tagħna, il-kumpaniji privati mhumiex suġġetti għar-regoli nazzjonali tal-akkwist pubbliku, peress li ma għandhomx status ta' awtorità kontraenti. Minkejja dan, aħna sibna li xi Stati Membri jimponu rekwiżiti dettaljati (jiġifieri skedi ta' żmien għall-preżentazzjoni/il-ġbir tal-offerti, u kriterji tal-għażla u tal-għoti) li huma simili ħafna għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni kienet identifikat differenzi simili fl-istudju tagħha dwar il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013[83].

***Użu ta' Opzjonijiet ta' Spejjeż Simplifikati (SCOs) u tipi oħra ta' miżuri bbażati fuq kundizzjonijiet***

**Użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati**

73. Is-CPR għall-perjodu 2014-2020 jispeċifika li l-għotjiet u l-assistenza ripagabbli jistgħu jieħdu l-forma ta' Opzjonijiet ta' Spejjeż Simplifikati (SCOs), jiġifieri skala standard ta' spejjeż għal kull unità (SSUCs), somom f'daqqa u finanzjament b'rata fissa. L-SCOs jimmarkaw it-tbegħid mill-prinċipju tal-ispejjeż reali. Dawk inkarigati mill-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni u l-awdituri jkollhom jiffukaw aktar fuq l-outputs milli fuq l-inputs u l-infiq tal-proġetti[84].

74. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-SCOs huma l-miżura fakultattiva ta' simplifikazzjoni użata l-aktar ta' spiss. Għal madwar 80 % tal-programmi operazzjonali

---

[82] Bl-eċċezzjoni tas-Slovakkja, fejn l-SMEs bħala benefiċjarji tal-finanzjament pubbliku huma obbligati jsegwu ċerti dispożizzjonijiet tal-Att nazzjonali dwar l-Akkwist Pubbliku.

[83] L-istudju tal-Kummissjoni Ewropea (2012), "Comparative study of the project selection process applied in cohesion policy programmes 2007-2013 in a number of Member States" (Studju komparattiv tal-proċess ta' għażla tal-proġetti applikat fil-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013 f'għadd ta' Stati Membri), Frar 2012.

[84] Il-Kummissjoni Ewropea (2014), "Gwida dwar l-Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati (SCOs)", p. 33.

mistħarrġa fl-2017, l-awtoritajiet maniġerjali jippermettu l-użu tal-SCOs[85]. Huma jagħmlu użu partikolarment estiż mir-rati fissi, li ma jeħtieġu l-ebda ġustifikazzjoni biex ikopru l-ispejjeż indiretti. Għadd ta' miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-użu tal-SCOs kienu diġà ġew introdotti għall-interventi kofinanzjati mill-FSE[86]. Il-proporzjon tal-baġits tal-programmi kopert mill-SCOs huwa ta' 36 % għall-FSE, filwaqt li l-FEŻR/l-FK huma kkaratterizzati minn użu aktar limitat tal-SCOs (2 %)[87].

75. L-istudju tal-2017 li twettaq mill-Kummissjoni josserva li, attwalment, l-SCOs huma l-miżura ta' simplifikazzjoni li l-għajnuna tagħha hija l-aktar effettiva biex jinaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Minn total ta' 21 miżura ta' simplifikazzjoni, kważi nofs it-tnaqqis mistenni tal-piż huwa sa issa ġġenerat mill-SCOs[88] (ara l-***Anness IV***). Hemm bosta raġunijiet għalfejn l-SCOs ma jintużawx b'mod aktar wiesa', bħall-inċertezza tad-dritt (b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat u r-regoli tal-akkwist pubbliku), jew ir-regoli tal-Istati Membri li jidhru li jiffavorixxu sistemi bbażati fuq ir-rimborż tal-ispejjeż reali. Fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, l-emenda ar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER), li saret fl-2017, tipprevedi l-użu tal-SCOs fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat[89].

---

85 Il-Kummissjoni Ewropea (2017), studju intitolat Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE, ir-Rapport Finali, SWECO, t33 & Spatial Foresight, p. 61.

86 L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013, (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 470–486).

87 Il-Kummissjoni Ewropea (2017), studju intitolat Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE, ir-Rapport Finali, SWECO, t33 & Spatial Foresight, pp. 21 u 142.

88 Il-Kummissjoni Ewropea (2017), studju intitolat Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE", ir-Rapport Finali, SWECO, t33 & Spatial Foresight, p. 20.

89 L-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 (ĠU L 156, 20.6.2017, pp. 1–18).

**Ir-Regolament Omnibus iwessa' l-ambitu u l-applikabbiltà tal-SCOs u jintroduċi tipi ġodda ta' appoġġ ibbażat fuq kundizzjonijiet**

76. Ir-Regolament Omnibus iwessa' konsiderevolment l-ambitu għall-użu tal-SCOs. Il-Kummissjoni pproponiet li żżid is-soll eżistenti[90] għall-użu obbligatorju tal-SCOs għall-proġetti taħt l-FSE (ara l-***paragrafu 2***) minn EUR 50 000 għal EUR 100 000 ta' appoġġ pubbliku u li testendi dan l-obbligu għall-FEŻR. Il-Kummissjoni tistma li dan se jkopri madwar 70 % tal-proġetti kollha taħt l-FSE. Se jkun hemm ukoll il-possibbiltà li jsir użu minn rati fissi għall-ispejjeż tal-persunal u għal spejjeż diretti oħra (sa issa, l-ispejjeż indiretti biss) u l-possibbiltà li jintużaw il-ġudizzji esperti u l-abbozzi ta' baġits biex jiġġustifikaw ir-rati unitarji standard.

77. Il-Qorti rrakkomandat l-użu estensiv tal-SCOs bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żball fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji[91]. Jenħtieġ li r-rati fissi għall-SCOs jiġu approvati/vvalidati sistematikament minn qabel mill-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji (kalkolu ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat). Ir-reviżjonijiet tar-Regolament Omnibus, jekk jiġu adottati, jista' jkollhom effett sostanzjali f'termini ta’ tnaqqis tal-piż amministrattiv.

78. Il-Kummissjoni introduċiet ukoll tip ġdid ta' finanzjament li mhuwiex marbut mal-ispejjeż tal-operazzjonijiet rilevanti iżda huwa bbażat fuq l-issodisfar ta’ kundizzjonijiet relatati mal-progress fl-ilħuq tal-objettivi.

79. L-opinjoni tagħna dwar l-abbozz ta’ Regolament Omnibus irrakkomandat li jenħtieġ li l-pagamenti bbażati fuq l-issodisfar ta’ kundizzjonijiet jew fuq il-ksib ta'

---

[90] L-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 470–486).

[91] Ir-Rapport annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2011, il-Kapitolu 6, il-paragrafu 30; ir-Rapport annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2012, il-Kapitolu 6, il-paragrafu 42; ir-Rapport Annwali tal-QEA għas-sena finanzjarja 2014, il-Kapitolu 6, il-paragrafu 79.

riżultati jsiru l-għażla ppreferuta fil-baġit kollu tal-UE[92]. Diġà hemm din l-għażla bħal din fis-CPR għall-perjodu 2014-2020[93]. Madankollu, l-ebda wieħed mill-programmi operazzjonali ma għamel użu minn din il-possibbiltà sa issa. Aħna rrakkomandajna wkoll fil-qasam tal-iżvilupp rurali li jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-potenzjal tal-SCOs li ma tibqax tibbaża r-rimborż fuq l-ispejjeż imġarrba iżda fuq ir-riżultati[94].

***Kontrolli aktar effiċjenti u effettivi***

**Il-verifikazzjoni tal-ġestjoni tirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-attivitajiet kollha ta' kontroll u tal-awditjar**

80. Kemm il-Parlament Ewropew[95] kif ukoll l-HLG[96] jappellaw għal simplifikazzjoni tal-kontroll u tal-awditjar bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-Istati Membri u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji matul il-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020.

81. L-Istati Membri huma responsabbli għall-istabbiliment ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Huma jipprovdu lill-Kummissjoni aċċertament *ex ante* dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq. Għal din il-fini, huma jaħtru l-awtoritajiet maniġerjali, l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar. L-awtoritajiet maniġerjali u l-awtoritajiet

---

[92] Il-QEA, l-Opinjoni Nru 1/2017 dwar il-proposta għal reviżjoni tar-"Regolament Finanzjarju", il-paragrafu 84.

[93] L-Artikoli 104 - 109 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[94] Il-QEA (2018), ir-Rapport Speċjali Nru 11/2018: "Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi imma mhux iffukati fuq ir-riżultati", ir-Rakkomandazzjoni 4.

[95] Il-Parlament Ewropew, ir-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Novembru 2015 "Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020" (P8_TA(2015)0419.

[96] L-HLG, Final conclusions and recommendations of the High Level Group on Simplification for post 2020 (Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni għal wara l-2020), http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/reports/2017/esif-simplification-hlg-proposal-for-policymakers-for-post-2020.

taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jaħtru wkoll Korpi Intermedjarji (IBs) biex jagħmlu x-xogħol f'isimhom.

82. Il-Kummissjoni tissorvelja x-xogħol tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, toħroġ gwida u tipprovdi assistenza kontinwa. Il-Kummissjoni tuża x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar biex tivvaluta l-legalità u r-regolarità ta' kull programm. Il-Kummissjoni tista' twettaq ukoll awditi tas-sistemi ta' kontroll u tal-proġetti tal-Istati Membri.

83. It-***Tabella 2*** turi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu l-maġġoranza l-kbira tal-kontrolli u l-awditi fuq il-post. Il-proġetti kollha huma suġġetti għal verifikazzjonijiet tal-ġestjoni mill-awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedjarjii u għal kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni tal-inqas darba fis-sena u kull meta ssir dikjarazzjoni tan-nefqa. Dawn il-kontrolli jistgħu jinkludu wkoll kontrolli fuq il-post. Fl-2015, kien hemm aktar minn miljun proġett li kienu suġġetti għal dawn il-verifikazzjonijiet.

84. Bi tqabbil ma’ dan, l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri wettqu madwar 12 000 kontroll fuq il-post (madwar 1.1 % tal-proġetti kollha), u l-Kummissjoni eżaminat 226 proġett (inqas minn 0.02 %) kofinanzjati taħt il-Politika ta' Koeżjoni.

**Tabella 2 - Għadd ta' proġetti ċċekkjati u awditjati fl-2015**

| LIVELL TAL-ISTATI MEMBRI | | |
|---|---|---|
| Għadd ta' proġetti kofinanzjati taħt il-FK, il-FEŻR u l-FSE, u suġġetti għal verifikazzjoni tal-ġestjoni | 1 081 386 | 100 % tal-proġetti kollha |
| Għadd ta' proġetti ċċekkjati mill-awtoritajiet tal-awditjar | 12 270 | 1.1 % tal-proġetti kollha |
| **LIVELL TAL-UE** | | |
| Għadd ta' proġetti ċċekkjati mill-Kummissjoni Ewropea | 226 | 0.02 % tal-proġetti kollha |
| Għadd ta' proġetti eżaminati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri* | 223 | 0.02 % tal-proġetti kollha |

*Nota:* *Il-Qorti, bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE, mhijiex parti mill-arranġamenti ta’ kontroll intern stabbiliti fir-regolamenti.

*Sors:* Il-preżentazzjoni tad-DĠ REGIO “Post-2020 Audit reform in the EU – mission possible" (Riforma tal-awditjar ta’ wara l-2020 fl-UE – missjoni possibbli) lill-Kumitat CONT tal-Parlament Ewropew fil-11 ta' Ottubru 2017; u r-Rapport Annwali 2015 tal-QEA.

85. L-evalwazzjoni *ex post* li twettqet mill-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 sabet li l-maġġoranza tal-benefiċjarji kienu tal-opinjoni li l-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni kienu sproporzjonati[97]. Il-fattur ewlieni kien l-għadd kbir ta' kontrolli.

**Titjib fl-effiċjenza tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Istati Membri u tal-kontrolli tal-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni**

86. Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-programmi fil-mod kif il-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni isiru fil-prattika. Skont l-informazzjoni li pprovdewlna l-awtoritajiet tal-awditjar għat-12-il PO eżaminati

- il-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni jitwettqu minn aktar minn korp wieħed, eż. l-awtorità manġerjali u/jew il-korpi intermedjarji/l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni, għal 5 minn dawn it-12-il PO. L-esperjenza tal-awditjar li għandna tissuġġerixxi li xi awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jwettqu kontrolli estensivi minbarra dawk imwettqa mill-awtoritajiet maniġerjali filwaqt li oħrajn ma jagħmlux dan;
- l-ambitu tal-verifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli (ara l-***Anness III***); il-verifikazzjonijiet ikopru l-elementi kollha tal-ispejjeż inklużi fit-talba tal-infiq tal-benefiċjarju f'10 minn 12-il PO, filwaqt li fit-2 li jifdal, l-elementi tal-ispejjeż jiġu ċċekkjati fuq bażi ta' kampjun. Skont il-gwida tal-Kummissjoni, dan l-approċċ huwa possibbli jekk ikun ibbażat fuq metodoloġija li hija stabbilita *ex ante* u li tippermetti l-projezzjoni ta' żbalji għall-popolazzjoni mhux ikkontrollata[98].

87. Is-CPR għall-perjodu 2014-2020 introduċa xi arranġamenti ta' proporzjonalità biex inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji minħabba l-awditjar u l-kontroll.

---

[97] L-evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), datata Awwissu 2016.

[98] Il-Kummissjoni Ewropea (2015): Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Gwida għall-Istati Membri dwar Verifiki ta' ġestjoni (Il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020), p. 13.

Proġetti li l-baġit tagħhom huwa sa EUR 200 000 (għall-FEŻR u l-FK) u EUR 150 000 (għall-FSE) jiġu ċċekkjati darba biss (mill-Kummissjoni jew inkella mill-awtoritajiet tal-awditjar) u minn oħrajn mhux aktar minn darba fis-sena[99]. L-abbozz attwali ta’ Regolament Omnibus jipprevedi li dan is-soll se jiżdied għal EUR 400 000 (għall-FEŻR u l-FK) u għal EUR 300 000 (għall-FSE)[100].

88. Il-varjazzjoni fil-kopertura u fl-ambitu tal-verifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta’ xogħol mill-awtoritajiet maniġerjali u l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni turi l-ħtieġa li l-Kummissjoni tistabbilixxi arranġamenti ċari meta tfittex li tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tista' teżamina aktar il-possibbiltà li jiġu ssimplifikati l-metodi ta’ kampjunar għall-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiżgura l-obbligu ta’ rendikont.

89. Barra minn hekk, it-trasferiment elettroniku ta’ *data* bejn l-awtoritajiet tal-programmi u l-benefiċjarji (koeżjoni elettronika) għandu l-potenzjal li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi b'mod sinifikanti imma l-awtoritajiet tal-Istati Membri għadhom ma għamlux użu sħiħ minn din l-għażla. Aħna sibna li 11 mit-12-il awtorità tal-awditjar li wieġbu għall-kwestjonarju tagħna għandhom sistema ta' trasferiment elettroniku tad-*data*. Din is-sistema tista' potenzjalment tipprovdi aċċess għad-dokumenti miġbura u eżaminati fil-qafas tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni. Madankollu, tmien awtoritajiet tal-awditjar issuġġerixxew li s-sistema ma tipprovdix aċċess għad-dokumenti kollha rilevanti għall-awditi.

**Armonizzazzjoni tal-interpretazzjoni tar-regoli bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri**

90. L-evalwazzjoni *ex post* tal-Politika ta' Koeżjoni fl-2007-2013, li twettqet mill-Kummissjoni, identifikat defiċjenzi fil-livell tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni bħala

[99] L-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, pp. 320–469).

[100] Il-Kummissjoni Ewropea, BudgWeb, l-Artikolu 148 tas-CPR, status tas-6 ta' April 2018.

waħda mir-raġunijiet prinċipali għall-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji[101]. Sors ewlieni għas-simplifikazzjoni huwa li jiġi żgurat li awtoritajiet differenti tal-programmi fl-Istati Membri jinterpretaw ir-regoli applikabbli bl-istess mod.

91. Fir-rigward tar-regolament u n-noti ta' gwida, huwa f'idejn il-Kummissjoni li tiżgura li jkun hemm fehim komuni bejn l-atturi kollha. Il-Kummissjoni ħadet bosta inizjattivi biex tarmonizza l-interpretazzjoni tar-regoli dwar il-verifikazzjonijiet, eż. billi ħarġet gwida dwar l-evitar[102] u t-trattament tal-iżbalji fil-qasam tal-akkwist pubbliku[103].

92. Aħna ninnutaw ukoll li fil-livell tal-UE hemm Grupp Espert dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (EGESIF) li għandu jippermetti l-iskambju bejn l-esperti. Madankollu, il-biċċa l-kbira mir-regoli huma nazzjonali jew anke speċifiċi għall-programm. F'dawn il-każijiet kollha, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru biex jiżgura interpretazzjoni armonizzata fost l-awtoritajiet.

93. L-esperjenza tal-awditjar li għandna tissuġġerixxi wkoll li l-approċċi li l-Istati Membri ħadu għall-iskambji tekniċi u għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-awditjar u l-awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedjarji/awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jvarjaw. It-titjib fil-komunikazzjoni jipprovdi opportunità għall-armonizzazzjoni tal-interpretazzjoni tar-regoli u għat-titjib fl-effettività tal-kontrolli.

---

[101] L-evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), datata Awwissu 2016, p. 17.

[102] Il-Kummissjoni Ewropea (2015), "Akkwist pubbliku - Gwida għall-prattikanti dwar l-evitar tal-iżjed żbalji komuni fi proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej", 2015.

[103] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku, tad-19 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9527).

## *Anness I - Sommarju tal-proposti prinċipali ta' simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020*

| **Proposti prinċipali ta' simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020** | **Kummissjoni Ewropea (1)** | **HLG dwar is-simplifikazzjoni (2)** | **Parlament Ewropew (3)** | **Kunsill (4) (6)** | **Kumitat tar-Reġjuni (5)** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fużjoni u/jew konċentrazzjoni aktar b'saħħitha ta' fondi | ■ | ■ | | | |
| Armonizzazzjoni tar-regoli bejn -istrumenti tal-UE | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ |
| Regoli Komuni | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ |
| Adozzjoni f'waqtha tar-regoli u l-ebda applikazzjoni retroattiva tal-gwida u r-regoli | | ■ | ■ | | ■ |
| Tnaqqis fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni u l-gwida tal-Kummissjoni | | ■ | | ■ | ■ |
| Tranżizzjoni u deżinjazzjoni mingħajr xkiel tal-awtoritajiet | ■ | ■ | | ■ | |
| Simplifikazzjoni, tnaqqis fl-għadd ta' programmi operazzjonali | ■ | ■ | | | ■ |
| Sistema koerenti u sempliċi ta' indikaturi tal-prestazzjoni | | | | ■ | |
| Razzjonalizzazzjoni u differenzjazzjoni tal-ġestjoni u l-kontroll, eż. permezz ta' approċċ ta' awditjar uniku | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ |
| Dipendenza fuq ir-regoli u l-awtoritajiet nazzjonali (jiġifieri t-tneħħija tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni) f'ċerti Stati Membri | | | | ■ | |
| Simplifikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* | | ■ | | ■ | |
| Żieda fil-livelli ta' kofinanzjament nazzjonali | ■ | | | | |
| Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva | ■ | | | | |
| Finanzjament flessibbli biex jiġu indirizzati sfidi ġodda | ■ | ■ | | | |
| Skambju ta' prattika tajba | | | | | ■ |
| Żieda fil-possibbiltà ta' koeżjoni elettronika, tal-SCOs u ta' rati fissi | | | ■ | | |
| Żamma ta' regoli stabbli | | ■ | ■ | | |
| Ir-regolamentazzjoni żejda ma għandhiex awtomatikament titqies bħala żball, iżda jenħtieġ li tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' każ b'każ | | ■ | | | |

*Sors:* (1) Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE, it-28 ta' Ġunju 2017; (2) Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni għal wara l-2020, il-11 ta' Lulju 2017; (3) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020 (2016/2326(INI)); (4) Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Novembru 2017), 14263/17; (5) Opinjoni: Il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 "Għal politika ta' koeżjoni Ewropea b'saħħitha u effettiva wara l-2020", COTER-VI/015 u Opinjoni: Simplifikazzjoni tal-FSIE mill-perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, l-10/it-12 ta' Ottubru 2016, COTER-VI/012; (6) Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' April 2018), 178/18 It-twettiq u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020.

***Anness II - Stampa ġenerali tar-rapporti, l-opinjonijiet u d-dokumenti informattivi u analitiċi tal-QEA li huma rilevanti għas-simplifikazzjoni fit-twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni***

| Le | Rapporti u opinjonijiet tal-QEA |
|---|---|
| **1** | Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2011 |
| **2** | Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2012 |
| **3** | Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2013 |
| **4** | Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2014 |
| **5** | Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2015 |
| **6** | Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2016 |
| **7** | Opinjoni Nru 1/2017 dwar il-proposta għal reviżjoni tar-"Regolament Finanzjarju" |
| **8** | Rapport Speċjali Nru 17/2016: L-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jagħmlu aktar biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkwist pubbliku tagħhom |
| **9** | Rapport Speċjali Nru 19/2016: L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji – tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013 |
| **10** | Rapport Speċjali Nru 24/2016: Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi infurzata l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni |
| **11** | Rapport Speċjali Nru 36/2016: Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013 |
| **12** | Rapport Speċjali Nru 2/2017: In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam talKoeżjoni, għall-perjodu 2014-2020 |
| **13** | Rapport Speċjali Nru 4/2017: Nipproteġu l-baġit tal-UE minn infiq irregolari: Il-Kummissjoni għamlet użu dejjem akbar mill-miżuri preventivi u l-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-Koeżjoni matul il-perjodu 2007-2013 |
| **14** | Rapport Speċjali Nru 15/2017: Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi |
| **15** | Rapport Speċjali Nru 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati |
| **16** | Dokument Informattiv u Analitiku (2018) dwar il-Futur tal-finanzi tal-UE: nirriformaw il-mod kif jopera l-baġit tal-UE |
| **17** | Rapport Speċjali Nru 11/2018: Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati |

*Sors:* Il-QEA.

***Anness III - Eżaminar tal-proċeduri u tar-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' 12-il skema ta' finanzjament fil-programmi operazzjonali minn 12-il Stat Membru***

| | | AT | DE | CZ | ES | FR | HR | HU | IT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **A** | **KUNDIZZJONIJIET TA' ELIĠIBBILTÀ** | | | | | | | | | | | | |
| 2 | Kofinanzjament, intensità tal-għajnuna: | | | | | | | | | | | | |
| | Mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar | 30 % | 25 % | 45 % | sa 45 % | sa 60 % | sa 50 % | sa 45-50 % | sa 45 % | sa 50 % | sa 45 % | sa 75 % | sa 50 % |
| | Intrapriżi medji | 20 % | 15 % | 45 % | sa 35 % | sa 60 % | sa 50 % | sa 35-50 % | sa 35 % | sa 50 % | sa 35 % | sa 75 % | sa 50 % |
| **B** | **APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETTI** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | Għadd ta' paġni fl-applikazzjoni tal-proġetti | 22 | 52 | 32 | 25[1] | 16 | 46 | 15 | 18 | 15 | 134 | 40 | 41 |
| 2 | Modi kif tiġi ppreżentata l-applikazzjoni tal-proġetti | Kopji stampati | Kopji stampati | Elettroniċi | Elettroniċi | Kopji elettroniċi u stampati | Kopji stampati | Elettroniċi | Elettroniċi | Elettroniċi | Kopji elettroniċi u stampati | Kopji elettroniċi u stampati | Elettroniċi |
| B1 | **INFORMAZZJONI DWAR L-APPLIKANT** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | Informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-applikant | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| 2 | Sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Le |
| 3 | Analiżi tal-istatus kompetittiv tal-applikant | Le | Le | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Le |
| 4 | Esperjenza fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-UE | Le | Le | Le | Le | Iva | Iva[2] | Iva | Le | Iva | Iva | Le | Iva |

| | | AT | DE | CZ | ES | FR | HR | HU | IT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Disponibbiltà ta' ċertifikat ta’ ġestjoni tal-kwalità (ċertifikat ISO) | Iva | Le | Le | Le | Le | Le | Iva | Le | Le | Iva | Le | Le |
| B2 | **INFORMAZZJONI DWAR IL-PROĠETT** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | Deskrizzjoni tal-proġett | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| 2 | Ripartizzjoni tal-infiq previst | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| 3 | Deskrizzjoni tal-adegwatezza strateġika tal-proġett | Le[3] | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva[3] | Le | Iva | Iva | Iva[3] | Iva |
| 4 | Kontribuzzjoni tal-proġett għall-prinċipji orizzontali | Iva | Le | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva |
| 5 | Analiżi tal-alternattivi fir-rigward tal-finanzjament tal-proġetti | Le | Le | Le | Le | Le | Iva | Le | Le | Iva | Iva | Le | Le |
| 6 | Previżjoni finanzjarja | 3 snin | 3 snin | Le | 3 snin | Le | 8 snin | Le | Għall-ewwel sena wara l-ikkompletar al-proġett | Le | 19-il sena | 4 snin sa 12-il sena[4] | Le |
| **C** | **IMPLIMENTAZZJONI** | | | | | | | | | | | | |
| C1 | **TALBIET GĦALL-PAGAMENTI** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | Għadd ta' paġni fil-formoli tat-talbiet għall-pagamenti | 2 | 7 | minimu 10 | 14[5] | 3 | 9 | minimu 30 | 3 | 2 | 11 | 5 | 17 |

| | | AT | DE | CZ | ES | FR | HR | HU | IT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Modi kif jitressaq il-fajl tat-talbiet għall-pagamenti | Kemm kopja elettronika kif ukoll stampata | Kopji stampati | Elettronika | Elettronika | Elettronika | Kemm kopja elettronika kif ukoll stampata | Elettronika | Elettronika | Elettronika | Elettronika | Kemm kopja elettronika kif ukoll stampata | Elettronika |
| 3 | Rapport ta' progress li għandu jiġi ppreżentat ma' kull talba għall-pagament | Iva | Le[6] | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| C2 | **DOKUMENTI TA' SOSTENN** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | Kemm għandhom jiġu ppreżentati dokumenti mat-talba għall-pagament | 100 % f'kopja stampata | 100 % f'kopja stampata | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'verżjoni elettronika | 100 % f'kopja stampata | Kampjun tad-dokumenti ta' sostenn f'verżjoni elettronika |
| 2 | Dokumenti ta' sostenn meħtieġa jinkludu: | | | | | | | | | | | | |
| | a) fatturi | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| | b) prova tal-pagament | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Le |
| | c) konfermi tal-wasla | Le | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| | d) kuntratti | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| | e) dokumenti kontabilistiċi | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| | f) dokumenti speċifiċi oħra | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Le |
| 3 | Perjodu taż-żamma għad-dokumenti ta' sostenn | Sal-2031 | Sal-31 ta' Diċembru 2028 | 10 snin wara l-pagament finali u 3 snin wara | Mill-inqas 3 snin wara l-għeluq tal-PO, jiġifieri sal-2028 | Sal-31 ta' Diċembru 2028 | 5 snin wara l-ikkompletar tal-proġett | Mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2027 | 10 snin wara l-ikkompletar tal-proġett[7] | 10 snin wara l-ikkompletar tal-proġett | sentejn[8] | Sal-31 ta' Diċembru 2028 | sentejn[8] |

| | | AT | DE | CZ | ES | FR | HR | HU | IT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-għeluq tal-PO | | | | | | | | | |
| C3 | **REGOLI TAL-AKKWIST** | | | | | | | | | | | | |
| 1 | L-eżistenza ta' proċeduri ta' akkwist dettaljati li għandhom jiġu segwiti mill-SMEs bħala benefiċjarji | Le[9] | Le[10] | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Le | Iva | Iva | Iva | Iva |

**1** L-għad finali ta' paġni tal-applikazzjoni tal-proġetti jista' jvarja skont il-kontenut finali tal-applikazzjoni.
**2** Fil-każ tal-Kroazja, l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-proġetti tirreferi għal proġetti ffinanzjati minn kwalunkwe sors, jiġifieri mhux biss proġetti ffinanzjati mill-UE.
**3** Indirettament, billi jenħtieġ li l-applikanti juru konformità mas-sejħa għal proposti (u suġġett għall-kundizzjoni li s-sejħa tikkonforma mal-programm operazzjonali).
**4** Skont it-tip ta' investiment.
**5** L-għadd finali ta' paġni fit-talba għall-pagament tista' tvarja skont il-kontenut finali tat-talba.
**6** Ir-rapport ta' progress għandu jiġi ppreżentat biss mat-talba għall-pagament finali.
**7** Mid-data tal-aħħar fattura.
**8** Sentejn mill-31 ta' Diċembru wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni Ewropea li jinkludu l-infiq finali għall-Proġett Ikkompletat.
**9** L-ebda proċedura ta' akkwist; madankollu, il-benefiċjarji huma obbligati jagħtu prova li l-ispejjeż huma raġonevoli.
**10** L-għażla trid tkun iddokumentata u tintgħażel l-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġjuża.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-awtoritajiet tal-Istat Membru u dokumenti disponibbli għall-pubbliku.

## Programmi Operazzjonali eżaminati

| Le | Stat Membru | Programm Operazzjonali eżaminat | Kodiċi CCI tal-Programm | Assi prijoritarju | Prijorità ta' investiment |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | Investimenti fit-Tkabbir u fl-Impjieg L-Awstrija 2014-2020 | 2014AT16RFOP001 | Assi Prijoritarju 2 | 3d |
| 2 | Il-Kroazja | Kompetittività u Koeżjoni | 2014HR16M1OP001 | Assi Prijoritarju 3 | 3d |
| 3 | Ir-Repubblika Ċeka | Intrapriżi u Innovazzjoni għall-Kompetittività | 2014CZ16RFOP001 | Assi Prijoritarju 3 | 3a |
| 4 | Franza | Programm Operazzjonali FEŻR-FSE Lorraine u Vosges 2014-2020 | 2014FR16M2OP007/2014FR16M0OP015[1] | Assi Prijoritarju 2 | 3a |
| 5 | Il-Ġermanja | Is-Sassonja-Anhalt FEŻR 2014-2020 | 2014DE16RFOP013 | Assi Prijoritarju 2 | 3d |
| 6 | L-Ungerija | Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-Innovazzjoni | 2014HU16M0OP001 | Assi Prijoritarju 1 | 3c |
| 7 | L-Italja | POR għall-Puglia FEŻR FSE | 2014IT16M2OP002 | Assi Prijoritarju 3 | 3a |
| 8 | Malta | Promozzjoni ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli biex niffaċċjaw l-isfidi tagħna | 2014MT16M1OP001 | Assi Prijoritarju 3 | 3d |
| 9 | Il-Polonja | Programmi Operazzjonali Reġjonali għal Dolnośląskie Voivodeship 2014-2020 | 2014PL16M2OP001 | Assi Prijoritarju 1 | 3c |
| 10 | Is-Slovakkja | Riċerka u Innovazzjoni | 2014SK16RFOP001 | Assi Prijoritarju 3 | 3a |
| 11 | Spanja | PO Andalusija FEŻR 2014-20 | 2014ES16RFOP003 | Assi Prijoritarju 3 | 3d |
| 12 | Ir-Renju Unit | Ir-Renju Unit - FEŻR L-Ingilterra | 2014UK16RFOP001 | Assi Prijoritarju 3 | 3d |

**1** Il-kodiċi CCI għal dan il-programm operazzjonali nbidel fl-2017 minn 2014FR16M2OP007 għal 2014FR16M0OP015.

*Sors:* Il-QEA.

## *Anness IV - Impatt stmat tal-miżuri ta' simplifikazzjoni identifikati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 dwar l-ispejjeż amministrattivi għall-amministrazzjonijiet u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji*

| Miżura ta' simplifikazzjoni | Impatt fuq l-ispejjeż amministrattivi għall-amministrazzjonijiet (%) | Impatt fuq il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji (%) |
|---|---|---|
| Miżuri ta' simplifikazzjoni li huma rilevanti għall-Politika ta' Koeżjoni (FK, FEŻR u FSE) | | |
| Il-Ftehimiet ta' Sħubija jissostitwixxu l-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali u l-Pjan Strateġiku Nazzjonali | 0.0 % | 0.0 % |
| Konċentrazzjoni tematika akbar | 0.0 % | 0.0 % |
| Indikaturi komuni u qafas imsaħħaħ ta' monitoraġġ | 0.5 % | 0.9 % |
| Armonizzazzjoni tar-regoli | -0.5 % | -1.2 % |
| Kontroll proporzjonat/livell minimu ta' kontrolli fuq il-post | -0.6 % | -0.5 % |
| ***Koeżjoni elettronika mal-benefiċjarji*** | ***-1.7 %*** | ***-4.8 %*** |
| ***Regoli aktar sempliċi għall-proġetti li jiġġeneraw id-dħul*** | ***-0.6 %*** | ***-2.2 %*** |
| Perjodu taż-żamma iqsar għad-dokumenti | -0.3 % | -0.5 % |
| Proċedura simplifikata ta’ modifikazzjoni tal-programmi | 0.0 % | 0.0 % |
| Simplifikazzjoni tad-dokument tal-programm | 0.0 % | 0.0 % |
| Rapport indipendenti dwar il-kwalità għall-proġetti l-kbar | 0.0 % | 0.0 % |
| Il-fornituri tat-taħriġ jew tat-trasferiment tal-għarfien jitqiesu bħala benefiċjarji | -0.2 % | -0.1 % |
| Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD) u gruppi ta' azzjoni lokali | 0.1 % | -0.1 % |
| Investimenti territorjali integrati (ITIs) | 0.0 % | 0.1 % |
| Fużjoni tal-awtoritajiet maniġerjali u l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni/tnaqqis fl-għadd ta' Aġenziji tal-Pagamenti | -0.2 % | 0.0 % |
| ***Għotjiet u assistenza ripagabbli bħala opzjonijiet ta’ spejjeż simplifikati (SCO)*** | ***-1.7 %*** | ***-6.3 %*** |
| Pjanijiet ta' azzjoni konġunti (PAK) | 0.0 % | 0.0 % |
| Miżuri ta' simplifikazzjoni għal fondi oħra (FEMS, FAEŻR) | | |
| Pagamenti bil-quddiem | 0.1 % | -0.1 % |
| Stabbiliment ta' kriterji bil-quddiem għall-kopertura tal-assigurazzjoni | 0.0 % | 0.0 % |
| Proċedura aċċellerata għall-proċess tal-għażla | 0.0 % | 0.0 % |
| Regoli speċjali ta’ kalkolu għall-kumpens | 0.0 % | 0.0 % |
| **Total tal-FSIE** | **-5.2 %** | **-14.9 %** |

*Sors:* Użu ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar is-simplifikazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni bikrija tal-FSIE, ir-Rapport Finali, id019 ta’ Ġunju, SWECO, t33 & Spatial Foresight, ikkummissjonat mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana.

***Anness V - Evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni u tan-noti ta' gwida***







*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq is-sit web http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/legislation/guidance.

***Anness VI - Il-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK, FSE inkl. il-YEI) fil-perjodu 2014-2020, allokazzjoni finanzjarja, għadd ta' programmi operazzjonali, indikaturi użati u awtoritajiet involuti fil-ġestjoni, skont l-Istat Membru***

| Stat Membru | Fondi tal-UE (FEŻR, FK, FSE inkluża l-YEI) f'miljun EUR | Sehem f'% fil-fondi tal-UE | Għadd ta' programmi operazzjonali | Għadd ta' indikaturi tal-outputs u tar-riżultati | Għadd ta' awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedjarji/awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni/awtoritajiet tal-awditjar (estimi) | Sehem fl-għadd totali ta' awtoritajiet |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **AT** | 978 | 0.3 % | 2 | 95 | 32 | 2.4 % |
| **BE** | 2 021 | 0.6 % | 7 | 227 | 37 | 2.7 % |
| **BG** | 7 423 | 2.1 % | 8 | 423 | 49 | 3.6 % |
| **CY** | 702 | 0.2 % | 2 | 99 | 9 | 0.7 % |
| **CZ** | 21 643 | 6.2 % | 8 | 399 | 15 | 1.1 % |
| **DE** | 18 269 | 5.2 % | 32 | 1 106 | 132 | 9.7 % |
| **DK** | 413 | 0.1 % | 2 | 58 | 10 | 0.7 % |
| **EE** | 3 535 | 1.0 % | 1 | 191 | 14 | 1.0 % |
| **ES** | 27 942 | 8.0 % | 45 | 756 | 89 | 6.6 % |
| **FI** | 1 304 | 0.4 % | 3 | 97 | 20 | 1.5 % |
| **FR** | 14 763 | 4.2 % | 40 | 1 366 | 323 | 23.8 % |
| **GR** | 15 275 | 4.4 % | 18 | 702 | 33 | 2.4 % |
| **HR** | 8 463 | 2.4 % | 2 | 282 | 24 | 1.8 % |
| **HU** | 21 544 | 6.2 % | 7 | 382 | 10 | 0.7 % |
| **IE** | 1 020 | 0.3 % | 3 | 86 | 4 | 0.3 % |
| **IT** | 31 686 | 9.1 % | 51 | 1 433 | 115 | 8.5 % |
| **LT** | 6 709 | 1.9 % | 1 | 288 | 31 | 2.3 % |
| **LU** | 40 | 0.0 % | 2 | 32 | 4 | 0.3 % |
| **LV** | 4 418 | 1.3 % | 1 | 244 | 3 | 0.2 % |
| **MT** | 708 | 0.2 % | 3 | 119 | 5 | 0.4 % |
| **NL** | 1 015 | 0.3 % | 5 | 103 | 10 | 0.7 % |
| **PL** | 76 866 | 22.0 % | 22 | 1 511 | 89 | 6.6 % |
| **PT** | 21 343 | 6.1 % | 12 | 450 | 66 | 4.9 % |
| **RO** | 22 541 | 6.5 % | 7 | 439 | 62 | 4.6 % |
| **SE** | 1 764 | 0.5 % | 11 | 150 | 5 | 0.4 % |
| **SI** | 3 012 | 0.9 % | 1 | 234 | 18 | 1.3 % |
| **SK** | 13 768 | 3.9 % | 7 | 467 | 35 | 2.6 % |
| **UK** | 10 974 | 3.1 % | 12 | 401 | 16 | 1.2 % |
| **TC** | 9 239 | 2.6 % | 76 | 1 874 | 98 | 7.2 % |
| **Total Kumplessiv** | **349 380** | **100 %** | **391** | **-** | **1 358** | **100 %** |

*Nota:* Għal għadd ta' awtoritajiet, iċ-ċifri ppreżentati huma estimi.

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

***Anness VII - Abbrevjazzjonijiet***

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| CA | Awtorità ta' Ċertifikazzjoni |
| COSME | Il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji |
| CPR | Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni |
| DĠ | Direttorat Ġenerali |
| DĠ EMPL | Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni |
| DĠ REGIO | Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana |
| EGESIF | Grupp Espert dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea |
| FEŻR | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali |
| FK | Fond ta' Koeżjoni |
| Fondi SIE | Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej |
| FS | Ftehim ta' Sħubija |
| FSE | Fond Soċjali Ewropew |
| GBER | Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa |
| HLG | Grupp ta' Livell Għoli |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern |
| IB | Korp Intermedjarju |
| MA | Awtorità Maniġerjali |
| MKS | Mudell tal-Kostijiet Standard |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| PO | Programm Operazzjonali |
| QFP | Qafas Finanzjarju Pluriennali |
| REFIT | Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni |
| RSB | Bord tal-Iskrutinju Regolatorju |
| SCO | Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati |
| SME | Intrapriżi Żgħar u Medji |
| TFUE | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| UE | Unjoni Ewropea |

*Anness VIII - Glossarju*

**Assi prijoritarju** huwa waħda mill-prijoritajiet tal-istrateġija fi Programm Operazzjonali li jinkludi grupp ta' operazzjonijiet li jkunu relatati u li jkollhom għanijiet speċifiċi li jistgħu jitkejlu.

**Awtorità maniġerjali (MA)** hija awtorità pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali (jew kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor), li tkun ġiet deżinjata minn Stat Membru biex timmaniġġja Programm Operazzjonali. Il-kompiti tagħha jinkludu l-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, il-monitoraġġ ta' kif jiġu implimentati l-proġetti u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-aspetti finanzjarji u r-riżultati miksuba. L-awtorità maniġerjali hija wkoll il-korp li jimponi korrezzjonijiet finanzjarji fuq il-benefiċjarji wara li jkunu twettqu awditi mill-Kummissjoni, mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jew minn kwalunkwe awtorità fl-Istat Membru.

**Awtorità taċ-ċertifikazzjoni (CA)** twettaq kontrolli tal-ewwel livell fuq l-infiq iddikjarat mill-awtoritajiet maniġerjali u tiċċertifika li dan l-infiq huwa legali u regolari.

**Awtoritajiet tal-awditjar (AAs)** jipprovdu aċċertament lill-Kummissjoni rigward il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontrolli interni għal PO (u, b'konsegwenza ta' dan, il-legalità u r-regolarità tal-infiq iċċertifikat). B’mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-awditjar huma dipartimenti fi ħdan il-kanċelleriji tal-Istat, fil-ministeri tal-finanzi (jew korpi ta' kontroll intern taħt l-awtorità tal-ministeri), f'ministeri oħra jew fi ħdan istituzzjonijiet supremi tal-awditjar. Huma jridu jkunu funzjonalment indipendenti mill-korpi li jimmaniġġjaw il-fondi. Awtorità tal-awditjar tirrapporta s-sejbiet relatati mal-awditi tagħha tas-sistemi u mal-awditi tagħha tal-operazzjonijiet lill-awtoritajiet maniġerjali u dawk taċ-ċertifikazzjoni għall-PO kkonċernat. Darba fis-sena, huma jirrappurtaw il-ħidma annwali tagħhom fir-rapport annwali ta' kontroll tagħhom lill-Kummissjoni. Jekk l-awtorità tal-awditjar tqis li l-awtorità maniġerjali ma ħaditx azzjoni korrettiva xierqa, hija trid tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-kwistjoni.

**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE)** huma ħames fondi separati li jappoġġaw it-twettiq tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ fl-Unjoni kollha, kif ukoll il-missjonijiet speċifiċi għall-fondi, b'oqfsa ta' politika stabbiliti għall-perjodu

baġitarju ta' seba' snin kopert mill-QFP. Il-fondi jinkludu: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR); il-Fond Soċjali Ewropew (FSE); il-Fond ta' Koeżjoni (FK); il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

**Ftehim ta' Sħubija (FS)** jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u kull Stat Membru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Huma jistabbilixxu l-pjanijiet tal-awtoritajiet nazzjonali dwar kif għandu jintuża l-finanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, u jiddeskrivu fil-qosor l-għanijiet strateġiċi u l-prijoritajiet ta' investiment ta' kull pajjiż, filwaqt li jorbtuhom mal-għanijiet kumplessivi tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. Huma jinkludu wkoll, fost l-oħrajn, dettalji ta' kwalunkwe kundizzjonalitajiet *ex ante* u tal-oqfsa ta' ġestjoni tal-prestazzjoni. Huma jitħejjew mill-Istat Membru fi djalogu mal-Kummissjoni u jridu jiġu adottati mill-Kummissjoni.

**Għajnuna mill-Istat** hija kwalunkwe forma ta' appoġġ finanzjarju dirett jew indirett li jiġi pprovdut mill-awtoritajiet pubbliċi lil impriżi tas-settur privat. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) b'mod ġenerali jipprojbixxi l-għajnuna mill-Istat fi ħdan is-suq komuni dment li din ma tkunx debitament ġustifikata. Ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jistipulaw meta dan l-appoġġ ma jfixkilx (jew ma jheddidx li jfixkel) il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva li tivvaluta jekk l-għajnuna mill-Istat li tingħata mill-Istati Membri tkunx kompatibbli ma' dawn ir-regoli. Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet ta' proċedura meħudin mill-Kummissjoni Ewropea huma suġġetti għal rieżaminar mill-Qorti Ġenerali u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

**Korp intermedjarju (IB)** huwa kwalunkwe korp jew servizz pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità maniġerjali, jew li jwettaq dmirijiet f'isem awtorità bħal din fir-rigward ta' benefiċjarji li jimplimentaw operazzjonijiet.

**Kundizzjonalitajiet *ex ante*** jirrikjedu li Stat Membru jissodisfa ċerti kundizzjonijiet qabel jirċievi kwalunkwe fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Meta kienu qed iħejju l-Programmi Operazzjonali taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri kellhom jivvalutaw jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux issodisfati. Jekk dan ma kienx il-każ,

kien jeħtieġ li jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati sal-31 ta' Diċembru 2016.

**Loġika ta' intervent** hija r-rabta bejn il-ħtiġijiet ivvalutati, l-objettivi, l-inputs (ippjanati u allokati), l-outputs (immirati u miksuba) u r-riżultati (intenzjonati u reali).

**Opzjonijiet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs)** huma t-tliet tipi ta' finanzjament iddefiniti fl-Artikolu 67(b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013: skala standard ta' spejjeż għal kull unità, somom f’daqqa u finanzjament b'rata fissa.

**Programm Operazzjonali (PO)** jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi ta' Stat Membru, u kif il-finanzjament (kofinanzjament mill-UE u kofinanzjament pubbliku u privat fil-livell nazzjonali) mill-fondi SIE se jintuża matul perjodu ta' żmien partikolari (attwalment seba' snin) għall-finanzjament ta' proġetti. Dawn il-proġetti jridu jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' ċertu għadd ta' objettivi speċifikati fil-livell tal-assi prijoritarju tal-PO. PO jitħejja mill-Istat Membru u jrid jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel ma jkunu jistgħu jsiru xi pagamenti mill-baġit tal-UE. Il-programmi operazzjonali jistgħu jiġu modifikati biss matul il-perjodu kopert, jekk iż-żewġ partijiet jaqblu.

**Qafas ta' prestazzjoni** huwa magħmul minn stadji importanti u miri ddefiniti għal ġabra ta' indikaturi magħżula mill-Istati Membri għal kull assi prijoritarju fi ħdan programm operazzjonali minbarra għall-assi prijoritarji tal-assistenza teknika u għall-programmi appoġġati taħt l-inizjattiva għall-SMEs.

**Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)** huwa r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

**Regolamentazzjoni żejda** tfisser ir-regoli u l-obbligi regolatorji addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) stabbiliti fil-livell tal-Unjoni

Ewropea (UE). Ir-regolamentazzjoni żejda tista' terġa' tinqasam f'"regolamentazzjoni żejda attiva" u "regolamentazzjoni żejda passiva". Ir-"regolamentazzjoni żejda attiva" tiddeskrivi l-proċeduri amministrattivi u l-obbligi regolatorji addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-FSIE stabbiliti fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE), filwaqt li r-"regolamentazzjoni żejda passiva" sseħħ meta l-atturi reġjonali jew lokali jonqsu milli japplikaw miżuri ta' simplifikazzjoni proposti fir-regolamenti dwar l-FSIE.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

©Unjoni Ewropea, 2018.
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.